SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

25 ta' Settembru 2024*

"Enerġija – Suq intern tal-elettriku – Reġjun tal-kalkolu tal-kapaċità – Reġjun CORE – Adozzjoni mill-ACER tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż tar-ridispaċċ u tat-tpartit – Determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza għall-flussi ċirkolari leġittimi – Artikolu 16(13) tar-Regolament (UE) 2019/943"

Fil-Kawża T-485/21,

Bundesnetzagentur für Elektrizität, Gas, Telekommunikation, Post und Eisenbahnen (BNetzA), stabbilita f'Bonn (il-Ġermanja), irrappreżentata minn U. Karpenstein u K. Reiter, avoukati,

rikorrenti,

sostnuta minn

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn J. Möller u N. Scheffel, bħala aġenti,

intervenjenti,

vs

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), irrappreżentata minn P. Martinet, Z. Vujasinovic u E. Tremmel, bħala aġenti, assistiti minn P. Goffinet, L. Bersou u M. Shehu, avukati,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża),

komposta minn F. Schalin, President, P. Škvařilová-Pelzl, I. Nõmm, G. Steinfatt u D. Kukovec (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: I. Kurme, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tat-12 u tat-13 ta' Ġunju 2023,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Bundesnetzagentur für Elektrizität, Gas, Telekommunikation, Post und Eisenbahnen (BNetzA), titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tat-28 ta' Mejju 2021, li tikkonferma d-Deċiżjoni Nru 30/2020 tal-ACER, tat-30 ta' Novembru 2020, dwar il-proposta tal-ġestjonarji tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (iktar 'il quddiem il-"ĠST") tar-reġjun li jinkludi l-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja (iktar 'il quddiem ir-"reġjun CORE") għall-kalkolu tal-kapaċità msejħa "CORE", dwar il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż tar-ridispaċċ u tat-tpartit, u li tiċħad l-appelli tagħha fil-Każ A-001–2021 (ikkonsolidat) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija l-awtorità regolatorja nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"ARN") Ġermaniża, fis-sens tal-Artikolu 57(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU 2019, L 158, p. 125). Skont il-punt 1 tal-ewwel sentenza tal-punt 56(1) tal-Gesetz über die Elektrizitäts- und Gasversorgung (Energiewirtschaftsgesetz – EnWG) (il-Liġi dwar il-Provvista tal-Elettriku u tal-Gass), tas-7 ta' Lulju 2005 (BGBI. 2005 I, p. 1970), hija tassumi fil-Ġermanja l-kompetenzi attribwiti lill-ARN mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni (ĠU 2015, L 197, p. 24).

3 Konformement mal-Artikolu 74(1) tar-Regolament 2015/1222, il-ĠRT ta' kull reġjun għall-kalkolu tal-kapaċità jipproponu, sa mhux iktar tard minn sittax-il xahar wara d-deċiżjoni dwar ir-reġjuni għall-kalkolu tal-kapaċità, metodoloġija komuni għall-allokazzjoni tal-ispejjeż tar-ridispaċċ u tat-tpartit (iktar 'il quddiem il-"metodoloġija għall-allokazzjoni tal-ispejjeż").

4 Fis-17 ta' Novembru 2016, l-ACER adottat, konformement mal-Artikolu 15 tar-Regolament 2015/1222, id-Deċiżjoni Nru 06/2016, dwar id-determinazzjoni tar-reġjuni għall-kalkolu tal-kapaċità. L-Artikolu 1 u l-Anness I ta' din id-deċiżjoni jelenkaw it-territorji tal-Istati Membri inklużi fir-reġjun CORE.

5 Il-proposta ta' metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-ĠRT tar-reġjun CORE kellha tiġi sottomessa fi żmien sittax-il xahar wara din id-deċiżjoni, jiġifieri mhux iktar tard mis-17 ta' Mejju 2018.

6 Madankollu, il-ĠST tar-reġjun CORE ma ssottomettewx proposti għal metodoloġija għall-allokazzjoni tal-ispejjeż fit-terminu msemmi fil-punt 5 iktar 'il fuq. Konformement mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2015/1222, dawn il-ĠRT informaw lill-ARN u lill-ACER li huma kellhom bżonn iktar żmien għat-tfassil ta' tali proposta. L-ACER informat b'dan lill-Kummissjoni Ewropea, li kkonsultat il-ĠRT, l-ARN kif ukoll l-ACER sabiex tgħin lil dawn il-ĠRT jiżviluppaw din il-proposta u jissottomettuha għall-approvazzjoni mill-iktar fis possibbli.

7 Fis-27 ta' Marzu 2019, konformement mal-Artikolu 9(7)(h) tar-Regolament 2015/1222, il-ĠRT tar-reġjun CORE ssottomettew lill-ARN kollha ta' dan ir-reġjun proposta ta' metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż, akkumpanjata minn dokument ta' spjegazzjoni. Dawn l-ARN kellhom terminu ta' sitt xhur sabiex jiddeċiedu dwar din il-proposta, skont l-Artikolu 9(10) tal-imsemmi regolament.

8 Fis-26 ta' Settembru 2019, fuq talba tal-imsemmija ARN, l-ACER iddeċidiet li testendi b'sitt xhur, jiġifieri sas-27 ta' Marzu 2020, it-terminu mogħti lilhom għall-approvazzjoni tal-imsemmija proposta.

9 Fis-27 ta' Marzu 2020, il-President tal-Forum Reġjonali tar-Regolaturi tal-Enerġija tar-Reġjun CORE ħabbar, f'isem l-ARN kollha ta' dan ir-reġjun, li dawn tal-aħħar ma kinux f'pożizzjoni li jieħdu, għall-istess jum, deċiżjoni dwar il-proposta ppreżentata, peress li din kienet meqjusa bħala fil-parti l-kbira tagħha inkompleta, u dan sa fejn l-ARN la kienu f'pożizzjoni li japprovawha u lanqas li jitolbu emenda għaliha.

10 Fl-istess jum, peress li l-ARN tar-reġjun CORE ma waslux għal ftehim fir-rigward tal-proposta ta' metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ippreżentati mill-ĠRT, l-ACER iddikjarat ruħha kompetenti sabiex tadotta deċiżjoni dwar din il-proposta, skont l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU 2019, L 158, p. 22), kif ukoll l-Artikolu 9(11) tar-Regolament 2015/1222. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, l-ACER kienet obbligata tadotta tali deċiżjoni f'terminu ta' sitt xhur, konformement mal-Artikolu 6(12)(a) tar-Regolament 2019/942.

11 Wara perijodu twil ta' kooperazzjoni, ta' konsultazzjonijiet u ta' diskussjonijiet bejn l-ACER, l-ARN kollha tar-reġjun CORE u l-ĠRT kollha ta' dan ir-reġjun dwar il-proposta ta' metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ippreżentati minn dawn il-ĠRT u dwar l-emendi magħmula għal din il-proposta matul diversi laqgħat u sessjonijiet ta' votazzjoni, il-Bord tar-Regolaturi tal-ACER, li huwa kompost minn rappreżentanti tal-ARN, ta opinjoni favorevoli dwar l-imsemmija proposta fit-18 ta' Novembru 2020, skont l-Artikolu 22(5)(a) tar-Regolament 2019/942.

12 Fit-30 ta' Novembru 2020, l-ACER adottat, permezz tad-Deċiżjoni Nru 30/2020, il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ("Common methodology for redispatching and countertrading cost sharing for the Core CCR in accordance with Article 74 of Commission Regulation (EU) 2015/1222 of 24 July 2015"), kif tinsab fl-Anness I ta' din l-aħħar deċiżjoni (iktar 'il quddiem il-"metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata").

13 Fid-29 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti appellat quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER mid-Deċiżjoni Nru 30/2020, konformement mal-Artikolu 28 tar-Regolament 2019/942. ĠRT u ARN oħra tar-reġjun CORE appellaw minn din id-deċiżjoni. Fit-18 ta' Frar 2021, il-Bord tal-Appell ikkonsolida dawn l-appelli kollha.

14 Fit-28 ta' Mejju 2021, il-Bord tal-Appell adotta d-Deċiżjoni kkontestata li permezz tagħha huwa kkonferma d-Deċiżjoni Nru 30/2020 u ċaħad fl-intier tagħhom l-appelli mressqa kontriha.

It-talbiet tal-partijiet

15 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti Ġenerali ma tannullax id-Deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha, tannulla din tal-aħħar sa fejn din tikkonferma t-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(2)(j), l-Artikolu 3, l-Artikolu 7 l-Artikolu 12(2) tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 30/2020;

– tikkundanna lill-ACER għall-ispejjeż.

16 L-ACER titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

17 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, intervenjenti insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-Deċiżjoni kkontestata.

Id-dritt

18 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

19 L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata tipprovdi estensjoni illegali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata għal elementi tan-network għajr elementi bejn żoni (iktar 'il quddiem l-"interkonnetturi"), it-tieni motiv, fuq il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata teskludi b'mod illegali t-teħid inkunsiderazzjoni tal-flussi dekonġestjonanti waqt il-kondiviżjoni tal-ispejjeż, it-tielet motiv, fuq determinazzjoni żbaljata tal-livell ta' tolleranza għall-flussi tan-network leġittimi (iktar 'il quddiem il-"livell ta' tolleranza"), ir-raba' motiv, fuq prijorità żbaljata mogħtija lill-flussi ċirkolari meta mqabbla mal-flussi interni fid-determinazzjoni tal-kawżi tal-konġestjonijiet tan-network, il-ħames motiv, fuq illegalità tal-metodu applikat, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, u, is-sitt motiv, fuq l-irregolarità tal-obbligu, impost fuq il-ĠRT, li jressqu proposti ta' modifika tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata.

20 L-ACER titlob li l-motivi kollha invokati mir-rikorrenti jiġu miċħuda bħala infondati.

21 Il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li teżamina, suċċessivament, l-ewwel, ir-raba' u t-tielet motiv.

Fuq l-ewwel motiv, dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata

22 Ir-rikorrenti tinvoka tliet ilmenti insostenn tal-ewwel motiv tagħha, ibbażat fuq il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata tipprovdi estensjoni illegali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata għal elementi tan-network għajr l-interkonnetturi. Madankollu, ir-rikorrenti tidher li taċċetta l-fatt li l-konġestjonijiet fuq elementi kritiċi

tan-network iwasslu wkoll għal restrizzjoni tal-kummerċ bejn żoni fis-sens tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU 2019, L 158, p. 54). Għaldaqstant, ir-rikorrenti tidher li qiegħda taċċetta, tal-inqas b'mod sussidjarju, l-inklużjoni tal-elementi kritiċi tan-network intern fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata.

23 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li l-kamp ta' applikazzjoni hekk iddefinit huwa inkompatibbli mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 u mal-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222.

24 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti, billi tinvoka l-assenza ta' bażi legali għall-adozzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, issostni li, fid-dawl tal-prinċipju tal-kompetenzi ta' attribuzzjoni, l-ACER ma tistax tiġġustifika l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata fir-rigward ta' dak li huwa previst fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, bil-kunsiderazzjoni li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament u tar-Regolament 2015/1222 ma jeskludux tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

25 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata lanqas ma jista' jiġi ġġustifikat minn kunsiderazzjonijiet dwar is-sigurtà tal-operat u l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

26 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkondividi l-argumenti tar-rikorrenti.

27 L-ACER tikkontesta l-argumenti magħmula mir-rikorrenti u sostnuti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Osservazzjonijiet preliminari

28 Preliminarjament, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ċaħad l-argumenti bbażati fuq l-illegalità tal-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, essenzjalment, fil-punti 89 sa 379 ("First Consolidated Plea – Excessive scope of the RDCTCS and unlawful determination of XNEs") fil-punti 1078 sa 1105 ("Eighth Consolidated Plea – Polluter Pays Principle") kif ukoll fil-punti 1126 sa 1191 (paġni 203 sa 212) ("Fourteenth Consolidated Plea – ACER exceeded its competence and infringed the principle of conferral") tal-imsemmija deċiżjoni.

29 Kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punti 196 sa 210 tad-Deċiżjoni kkontestata, din hija bbażata, parzjalment, fuq interpretazzjoni tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 fis-sens li din id-dispożizzjoni tirrifletti l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Bl-istess mod, din id-dispożizzjoni timponi d-determinazzjoni tal-oriġini tal-flussi fiżiċi li jikkontribwixxu għall-konġestjoni bejn iż-żoni mingħajr ma tillimita, min-naħa l-oħra, il-kondiviżjoni tal-ispejjeż għall-azzjonijiet korrettivi mwettqa fir-rigward tal-konġestjonijiet fuq l-interkonnetturi.

30 Bl-istess mod, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punti 173 sa 180 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell qies li l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata kienet konformi mal-Artikolu 74(2) tar-Regolament 2015/1222, sa fejn l-operazzjonijiet fuq l-elementi tan-network inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati kellhom effett transkonfinali.

31 Fit-tieni lok, l-eżami tal-ewwel motiv jimplika li għandha tiġi ddeterminata, fir-rigward tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati, kif ikkonfermata mid-Deċiżjoni kkontestata, il-bażi legali tagħha, l-għan tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

32 L-ewwel, fir-rigward tal-bażi legali u tal-għan tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, għandu jiġi rrilevat li din ġiet adottata konformement mal-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222 u li hija prevista, fil-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż għall-miżuri korrettivi li għandhom effett transkonfinali. L-imsemmija metodoloġija għandha għalhekk l-għan li taqsam, bejn il-ĠRT, l-ispejjeż li jirriżultaw mill-attivazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi li jiswew ħafna flus, jiġifieri r-ridispaċċ u t-tpartit.

33 F'dan ir-rigward, il-punt 13 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2015/1222 jiddefinixxi l-"azzjoni ta' rimedju" bħala "kwalunkwe miżura applikata minn [ĠRT] jew bosta [ĠRT], b'mod manwali jew awtomatiku, sabiex tinżamm is-sigurtà operazzjonali".

34 Fil-fatt, il-punt 26 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943 jiddefinixxi r-ridispaċċ bħala miżura, inkluż ta' tnaqqis, li hija attivata minn ĠRT wieħed jew iktar jew minn ġestjonarji tan-network ta' distribuzzjoni permezz tal-modifika tal-mudell ta' ġenerazzjoni, ta' tagħbija, jew it-tnejn sabiex jinbidlu l-flussi fiżiċi fis-sistema tal-elettriku u tittaffa konġestjoni fiżika jew tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistema.

35 Il-punt 27 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943 jiddefinixxi min-naħa tiegħu t-tpartit bħala skambju bejn żoni mwettqa minn operaturi ta' network bejn żewġ żoni tal-offerti sabiex tittaffa konġestjoni fiżika.

36 Min-naħa tagħha, il-konġestjoni, li tikkostitwixxi riskju għas-sigurtà operazzjonali li teħtieġ azzjoni korrettiva, hija ddefinita fil-punt 4 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943 bħala "sitwazzjoni fejn it-talbiet kollha mill-parteċipanti fis-suq biex isir kummerċ bejn żoni tan-netwerk ma jistgħux jintlaqgħu peress li kieku jaffettwaw b'mod sinifikanti l-flussi fiżiċi tal-elementi tan-netwerk li ma jistgħux jakkomodaw dawk il-flussi".

37 Konġestjoni hija kkawżata minn flussi fiżiċi. Hemm diversi tipi ta' flussi fiżiċi definiti mill-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata. Fost dawn, l-Artikolu 2(2)(a) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata jiddefinixxi l-flussi allokati bħala "fluss fiżiku fuq element ta' network fejn is-sors u r-riċevitur ikunu jinsabu f'żoni ta' sottomissjoni tal-offerti differenti". Il-flussi interni huma ddefiniti, fl-Artikolu 2(2)(o) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, bħala "fluss fiżiku fuq element ta' network li s-sors u r-riċevitur tiegħu kif ukoll l-element tan-network sħiħ ikunu jinsabu fl-istess żona tas-sottomissjoni għal offerti". Skont l-Artikolu 2(p) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, fluss ċirkolari huwa "fluss fiżiku fuq element ta' netwerk fejn is-sors u r-riċevitur ikunu jinsabu fl-istess żona, u l-element tan-network, jew parti minnu, ikun jinsab f'żona differenti".

38 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jipprevedi l-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi intiżi li jtaffu l-konġestjonijiet bejn żewġ żoni ta' sottomissjoni tal-offerti skont il-kontribuzzjoni għal din il-konġestjoni tal-flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni għal żona. Fil-fatt, dan jipprovdi b'mod partikolari li "[m]eta jallokaw il-kostijiet ta' azzjonijiet ta' rimedju bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, l-awtoritajiet regolatorji għandhom janalizzaw sa liema punt il-flussi li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet interni

taż-żoni tal-offerti jikkontribwixxu għall-konġestjoni bejn żewġ żoni tal-offerti osservati, u jallokaw il-kostijiet abbażi tal-kontribut lill-konġestjoni lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni taż-żoni tal-offerti li jkunu qegħdin joħolqu tali flussi għajr għall-kostijiet indotti mill-flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni taż-żoni tal-offerti li jinsabu taħt il-livell li jista' jkun mistenni mingħajr konġestjoni strutturali f'żona tal-offerti".

39 F'dan ir-rigward, żona tal-offerti hija ddefinita, fil-punt 65 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943, bħala "l-akbar żona ġeografika li fiha l-parteċipanti tas-suq ikunu jistgħu jinnegozjaw l-enerġija mingħajr allokazzjoni tal-kapaċità". Attwalment, iż-żoni li jiffurmaw parti mir-reġjun CORE jikkorrispondu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, għat-territorji tal-Istati Membri.

40 It-tieni nett, kif jirriżulta mill-Artikolu 5(1) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, sabiex jinqasmu l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, għandu jiġi identifikat l-element tan-network li fuqu effettivament titwettaq kull azzjoni korrettiva.

41 Kif ġie enfasizzat fil-punti 106 sa 110 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata jestendi mhux biss għal elementi ta' network bejn żoni (interkonnetturi), iżda wkoll għall-elementi kollha tan-network intern b'livell ta' vultaġġ ogħla jew ugwali għal 220 kilovolt (kV).

42 Fil-fatt, il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata tipprevedi, fl-Artikolu 3(4) tagħha, li l-"elementi tan-network b'rilevanza transkonfinali" huma "eliġibbli għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż".

43 Minn naħa, fir-rigward tal-elementi tan-network li għandhom rilevanza transkonfinali, il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata tiddefinixxi, fl-Artikolu 2(2)(j) tagħha, dawn l-elementi bħala "elementi tan-network […] li huma identifikati bħala li għandhom rilevanza transkonfinali u li fuqhom ksur tas-sigurtà operazzjonali għandu jiġi ġestit b'mod koordinat".

44 F'dan ir-rigward, mill-punti 106 sa 110 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta u, barra minn hekk, huwa paċifiku bejn il-partijiet, li l-kunċett ta' "elementi ta' network li għandhom rilevanza transkonfinali" għandu jinftiehem fl-istess sens bħal dak li jinsab fid-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tal-metodoloġija għar-ridispaċċ u għat-tpartit ikkoordinati fir-reġjun CORE konformement mal-Artikolu 35(1) tar-Regolament 2015/1222, adottat bid-Deċiżjoni Nru 35/2020 tal-ACER tal-4 ta' Diċembru 2020, dwar il-metodoloġija għar-ridispaċċ u għat-tpartit ikkoordinati fir-reġjun CORE (iktar 'il quddiem il-"metodoloġija RDCT"), u mal-Artikolu 5 tal-metodoloġija għall-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali fir-reġjun CORE konformement mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU 2017, L 220, p. 1), adottata mid-Deċiżjoni Nru 33/2020 tal-ACER, tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar il-metodoloġija għall-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali fir-reġjun CORE (iktar 'il quddiem il-"metodoloġija ROSC").

45 Il-kunċett ta' "elementi ta' network li għandhom rilevanza transkonfinali" jkopri għalhekk, minn naħa, l-elementi kritiċi kollha tan-network, konformement mal-Artikolu 5(1) u mal-Artikolu 7 tal-metodoloġiji komuni għall-kalkolu tal-kapaċità ta' kuljum u tal-istess ġurnata, adottati bid-Deċiżjoni Nru 02/2019 tal-ACER tal-21 ta' Frar 2019, dwar il-proposti tal-ĠRT tar-reġjun CORE li jikkonċernaw il-metodoloġiji komuni ta' kalkolu tal-kapaċità ta' ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata (iktar 'il quddiem il-"metodoloġiji CCM"), jiġifieri, attwalment, l-interkonnetturi

u l-elementi ta' network interni ddeterminati mill-ĠRT li għandhom koeffiċjent ta' influwenza, kif iddefinit mill-punt 22 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 dwar is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni ta' data (dejta) fis-swieq tal-elettriku u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2013, L 163, p. 1), ugwali għal jew iktar minn 5 % u, min-naħa l-oħra u fil-prinċipju, l-elementi tan-network interni kollha b' livell ta' vultaġġ ogħla minn jew ugwali għal 220 kV.

46 Konformement mad-definizzjoni li tinsab fil-punt 69 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943, element ta' network kritiku huwa "element ta' netwerk fi ħdan żona tal-offerti jew bejn iż-żoni tal-offerti meħuda f'kunsiderazzjoni fil-proċess ta' kalkolu tal-kapaċità [ta' skambju bejn iż-żoni], b'tali mod li jiġi llimitat l-ammont ta' enerġija li tista' tiġi skambjata [bejniethom]".

47 L-elementi kritiċi tan-network huma, għalhekk, interkonnetturi jew elementi interni li l-koeffiċjent ta' influwenza tagħhom huwa ugwali għal jew ogħla minn 5 %. Fis-sens tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, l-elementi tan-network interni b'effett transkonfinali huma kollha elementi kritiċi tan-network kif ukoll l-elementi tan-network intern b'livell ta' vultaġġ ogħla minn jew ugwali għal 220 kV.

48 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kunċett ta' "operazzjonijiet ta' ridispaċċ u ta' tpartit li għandhom effett transkonfinali", għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 3(1) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata jispeċifika li din tal-aħħar tirrigwarda l-operazzjonijiet ta' ridispaċċ u ta' tpartit li għandhom effett transkonfinali, li huma identifikati mill-metodoloġija RDCT u mill-metodoloġija ROSC.

49 Minn dan jirriżulta, kif ġie kkonfermat mill-partijiet, li, fis-sens tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, it-tranżazzjonijiet ta' ridispaċċ u ta' tpartit li għandhom effett transkonfinali huma, bħala prinċipju, it-tranżazzjonijiet kollha ta' ridispaċċ u ta' tpartit intiżi li jtaffu konġestjoni fuq elementi tan-network li għandhom effett transkonfinali.

Analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni

– Fuq il-portata tal-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata

50 Skont ir-rikorrenti, għandhom jiġu esklużi mill-kondiviżjoni l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi attribwiti lill-elementi tan-network interni li ma humiex interkonnetturi jew, l-iktar l-iktar, elementi kritiċi tan-network. B'mod partikolari, ir-rikorrenti ssostni li, fi kwalunkwe każ, il-konġestjonijiet fuq l-elementi tan-network li għandhom livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV huma konġestjonijiet interni, li ma jaqgħux fid-definizzjoni tal-konġestjonijiet bejn żoni fis-sens tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

51 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti ssostnix ġustament li l-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi għandhiex tkun limitata għall-elementi kritiċi tan-network, kif jirriżultaw mill-metodoloġiji CCM, peress li dawn huma elementi li "[jillimitaw] l-ammont ta' enerġija li tista' tiġi skambjata", skont il-punt 69 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943. Għaldaqstant, hija biss konġestjoni fuq dawn l-elementi li hija konġestjoni bejn iż-żoni, fis-sens tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

52 L-ewwel nett, għandu jiġi eżaminat jekk l-elementi kritiċi tan-network humiex l-uniċi li huma ta' rilevanza transkonfinali fis-sens tal-Artikolu 74(2) tar-Regolament 2015/1222.

53 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 74(2) tar-Regolament 2015/1222, il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata "tinkludi soluzzjonijiet ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż għal azzjonijiet ta' rilevanza transfruntiera". Barra minn hekk, l-Artikolu 74(4)(b) tal-istess regolament jistabbilixxi li l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata għandha tiddefinixxi "liema spejjeż, imġarrba mill-użu tar-ridispaċċ jew it-tpartit biex tiġi ggarantita ċ-ċertezza tal-kapaċità transżonali, huma eliġibbli għall-kondiviżjoni bejn [il-ĠRT] kollha tar-reġjun bil-kapaċità kkalkulata b'konformità mal-metodoloġija ta' kalkolu tal-kapaċità", f'dan il-każ ir-reġjun CORE.

54 Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit jekk il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, kif ikkonfermata mid-Deċiżjoni kkontestata, hijiex kompatibbli mal-Artikolu 74(2) tar-Regolament 2015/1222, għandu jiġi eżaminat sa fejn l-azzjonijiet korrettivi li hija tfittex li tikkondividi l-ispejjeż tagħhom għandhom l-għan li jiżguraw l-eqreb kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni.

55 Madankollu, għandu jitfakkar li r-Regolament 2015/1222 huwa att ta' implimentazzjoni tar-Regolament 2019/943, kif jirriżulta mill-Artikolu 18(5) tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (ĠU 2009, L 211, p. 15), sussegwentement issostitwit bir-Regolament 2019/943. Dan huwa għalhekk regola ġuridika ġerarkikament superjuri u sussegwenti għar-Regolament 2015/1222. Ħlief fil-każ fejn is-sens tagħhom ikun ċar u nieqes minn ambigwità u għalhekk ma jeżiġi ebda interpretazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' regolament ta' implimentazzjoni għandhom, jekk possibbli, jiġu interpretati konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku (sentenza tat-28 ta' Frar 2017, Canadian Solar Emea *et* vs Il-Kunsill, T-162/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:124, punt 150). L-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222 għandu għalhekk jiġi interpretat konformement mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

56 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 la jiddefinixxi l-elementi tan-network li fuqhom l-azzjonijiet korrettivi huma intiżi li jtaffu l-konġestjoni bejn iż-żoni, u lanqas l-elementi tan-network li fuqhom għandhom jitqassmu l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi intiżi sabiex itaffu l-konġestjonijiet bejn iż-żoni.

57 Fl-istess sens, il-punt 4 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943 lanqas ma jispeċifika liema huma l-elementi tan-network li fuqhom iseħħu l-konġestjonijiet fiżiċi, inklużi dawk marbuta mal-kummerċ bejn żoni.

58 L-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jirrigwarda l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi attivati mill-ĠRT sabiex jiġu żgurati l-iskambji bejn iż-żoni u, sussegwentement, jeżiġi l-kondiviżjoni tal-imsemmija spejjeż bejn il-ĠRT skont sa fejn il-flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni għaż-żoni jikkontribwixxu għall-konġestjoni osservata bejn żewġ żoni.

59 Konsegwentement, skont l-għan tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, għandu jiġi ddeterminat liema konġestjonijiet għandhom jittaffu b'mod ikkoordinat sabiex jiġi żgurat il-kummerċ bejn iż-żoni, li, konformement mal-punti 54 u 55 iktar 'il fuq, jippermetti

sussegwentement li jiġi stabbilit jekk l-azzjonijiet korrettivi msemmija fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati għandhomx l-għan li jiżguraw l-għeluq tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni, fis-sens tal-Artikolu 74(4)(b) tar-Regolament 2015/1222.

60 It-tieni nett, għandu jiġi enfasizzat li, sabiex titwettaq tali analiżi intiża li jiġi ddeterminat liema azzjonijiet korrettivi jippermettu li jiġu żgurati l-iskambji bejn żoni u huma għalhekk ikkonċernati mill-kondiviżjoni tal-ispejjeż, għandu jiġi spjegat ir-rwol tal-azzjonijiet korrettivi fil-kuntest tal-proċess ta' kalkolu tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni, kif previst mill-metodoloġiji CCM, kif ukoll tal-proċess ta' evalwazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali, kif stabbilit mill-metodoloġija ROSC, konformement mal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament 2017/1485 (iktar 'il quddiem il-"proċess CROSA").

61 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li l-proċess ta' kalkolu tal-kapaċità ta' skambju bejn żoni jibda jumejn qabel il-kunsinna tal-elettriku u jintuża sabiex tiġi ddeterminata l-kwantità ta' enerġija li tista' tiġi skambjata bejn żoni, fil-kuntest tal-limiti ta' sigurtà operazzjonali.

62 Il-proċess tal-kalkolu tal-kapaċità għandu jitwettaq biss fuq l-elementi kritiċi tan-network. Minn naħa, il-ĠRT jistgħu jillimitaw, qabel ma jinfetaħ is-suq, il-kwantità ta' enerġija li tista' tiġi skambjata mill-parteċipanti, sabiex jiġu osservati l-limiti tas-sigurtà operazzjonali. Min-naħa l-oħra, dan il-proċess juża wkoll l-azzjonijiet korrettivi, bħar-ridispaċċ u l-iskambju. Dawn l-azzjonijiet korrettivi, li jistgħu jiġu attivati sabiex tiġi mmassimizzata l-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni disponibbli, konformement mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament 2019/943, jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-ĠRT, iżda għadhom ma humiex attivati.

63 Fil-fatt, ebda azzjoni korrettiva ma hija attivata waqt il-kalkolu tal-kapaċità ta' skambju bejn żoni u ma tiġġarrab ebda spiża.

64 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-azzjonijiet korrettivi li jiswew ħafna tar-ridispaċċ u tat-tpartit, li huma s-suġġett ta' din it-tilwima, iseħħu biss fil-kuntest tal-proċess CROSA, marbut mill-qrib mal-kalkolu tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni.

65 Konformement mal-Artikolu 76(1)(b)(iii) tar-Regolament 2017/1485, li jirregola t-tħejjija kkoordinata tal-azzjonijiet korrettivi li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali, u kif jirriżulta mill-Artikolu 3(2)(b) tal-metodoloġija ROSC, il-proċess CROSA għandu l-għan li jikkoordina, jivvalida u jimplimenta l-azzjonijiet korrettivi li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali. Kif jirriżulta mill-Artikoli 5 u 9 tal-imsemmija metodoloġija ROSC, l-azzjonijiet korrettivi li għandhom impatt transkonfinali huma dawk kollha li jkunu mill-inqas kultant f'pożizzjoni li jindirizzaw il-ksur tal-limiti tal-kurrent fuq l-elementi tan-network li għandhom impatt transkonfinali, jiġifieri, bħala prinċipju, l-elementi kritiċi kollha tan-network meħuda inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni, u l-elementi l-oħra kollha tan-network b'livell ta' vultaġġ ogħla minn jew ugwali għal 220 kV.

66 Bl-istess mod, skont il-premessa 12 u l-Artikolu 5(1) tal-metodoloġija ROSC, il-proċess CROSA jiżgura, bħala prinċipju, is-sigurtà operazzjonali tal-elementi kollha tan-network b'livell ta' vultaġġ ogħla minn jew ugwali għal 220 kV wara l-għarfien tar-riżultati tas-suq u l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni. F'dak iż-żmien, il-ĠRT għandhom informazzjoni fid-dettall dwar l-enerġija li ser tiġi injettata fi jew irtirata min-network.

67 Il-proċess CROSA jibda bl-evalwazzjoni lokali tas-sigurtà operazzjonali, imwettqa minn kull ĠRT fin-network tiegħu, skont l-Artikolu 13 l-Artikolu 14(1) tal-metodoloġija ROSC, li jirriżulta fil-ħolqien, minn kull ĠRT, ta' mudell ta' network individwali.

68 Sussegwentement, konformement mal-Artikolu 18 tal-metodoloġija ROSC, il-mudelli tan-network individwali għandhom jiġu pprovduti lill-koordinaturi reġjonali u ffużjonati minn dawn tal-aħħar bl-għan li jinħoloq mudell ta' network komuni għall-ħinijiet kollha tal-ġurnata, li jinkludi "sett ta' dejta tal-Unjoni […] li jiddeskrivi l-karatteristiċi […] tas-sistema tal-enerġija", konformement mal-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2015/1222.

69 Meta fluss fuq element tan-network jeċċedi l-fluss massimu, jeħtieġ li titħejja u tiġi implimentata azzjoni korrettiva, sabiex jiġu rrispettati l-limiti tas-sigurtà operazzjonali.

70 Kif jirriżulta mill-premessa 10 tal-metodoloġija ROSC, hija prevista ottimizzazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi fil-kuntest tal-proċess CROSA.

71 B'mod iktar partikolari, din l-ottimizzazzjoni fi ħdan il-proċess CROSA, deskritta fl-Artikolu 2(1)(p) tal-metodoloġija ROSC, timplika li jiġi ddeterminat b'mod konkret, matul kull iterazzjoni, liema konġestjoni fuq liema element ta' network, kritiku jew mhux kritiku, għandha tiġi ġġestita b'mod ikkoordinat.

72 Għalhekk, għal kull siegħa fil-mudell tan-network komuni, jiġi identifikat, fost l-azzjonijiet korrettivi kollha disponibbli tal-ĠRT, liema waħda hija l-iktar effikaċi u li tippreżenta l-aħjar relazzjoni bejn in-nefqa u l-effiċjenza, skont l-Artikolu 76(1)(b)(iii) tar-Regolament 2017/1485, u li tista' ssolvi l-konġestjoni kollha fuq l-interkonnetturi kollha u fuq l-elementi kollha tan-network interni b'vultaġġ ogħla minn jew ugwali għal 220 kV fil-mudell tan-network komuni, u dan mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda, skont l-Artikoli 20, 23 u 24 kif ukoll l-Artikolu 27(1) tal-metodoloġija ROSC.

73 It-tielet nett, fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi analizzat jekk, kif irrilevat mir-rikorrenti, humiex biss l-ispejjeż li jirriżultaw mill-miżuri korrettivi fuq l-elementi kritiċi tan-network (u għaldaqstant, huma biss l-interkonnetturi jew, l-iktar l-iktar, l-elementi tan-network interni li għandhom koeffiċjent ta' influwenza ugwali għal jew ogħla minn 5 % jew iktar), li għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata. Għal dan l-għan, kif ġie sostnut fil-punt 59 iktar 'il fuq, għandu jiġi ddeterminat liema konġestjonijiet għandhom jittaffu b'mod ikkoordinat sabiex jiġi żgurat il-kummerċ bejn iż-żoni.

74 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, is-sempliċi fatt li fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati jiġu inklużi spejjeż ikkawżati mill-konġestjonijiet fuq l-elementi tan-network b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV ma jistax imur kontra l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, peress li din id-dispożizzjoni timplika biss li jiġi ddeterminat liema konġestjonijiet għandhom jinħelsu b'mod ikkoordinat sabiex jiġi żgurat il-kummerċ bejn iż-żoni.

75 It-tieni nett, il-ĠRT jista' juża livell massimu ta' 30 % tal-kapaċità ta' kull element kritiku tan-network sabiex itaffi l-konġestjonijiet fuq dan tal-aħħar, bil-kundizzjoni li, kif previst fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(8) tar-Regolament 2019/943, 70 % tal-imsemmija kapaċità tibqa' disponibbli għall-kummerċ bejn żoni, skont il-paragrafi 1 u 8 tal-Artikolu 16 tar-Regolament 2019/943.

76 Madankollu, il-fatt li l-konġestjonijiet jistgħu jittaffu bl-użu sa 30 % tal-kapaċità ta' sottogrupp ta' elementi ta' network ma jimplikax li għandhom jinqasmu biss l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi mwettqa fuq dan is-sottogrupp ta' elementi.

77 It-tielet nett, għandu jiġi rrilevat li s-sodezza tal-kapaċità minima ta' 70 % ta' kull element kritiku ta' network huwa żgurat bl-iktar mod effettiv bl-ottimizzazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi attivati fuq l-elementi tan-network kollha b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV. Għalhekk, din l-ottimizzazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi fuq l-elementi kollha tilħaq l-għanijiet tar-Regolament 2019/943, b'mod partikolari bis-sinjali tas-suq li jinkoraġġixxu l-effettività u s-sigurtà tal-provvista, konformement mal-Artikolu 1(a) tar-Regolament 2019/943.

78 Din l-ottimizzazzjoni tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, u b'hekk tippermetti li jiġi limitat it-tnaqqis tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 16(4) tar-Regolament 2019/943.

79 Ir-raba' nett, meta l-azzjonijiet korrettivi attivati minn ĠRT fuq l-elementi interni li ma humiex elementi kritiċi tan-network jagħmlu parti mis-soluzzjoni ottimali neċessarja sabiex jittaffew ukoll il-konġestjonijiet fuq elementi kritiċi tan-network, l-ispejjeż relatati mal-ewwel elementi għandhom jinqasmu bejn il-ĠRT bl-istess mod bħal dawk relatati mat-tieni. Konsegwentement, in-nuqqas ta' inklużjoni tal-elementi tan-network b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż iwassal għal limitazzjoni mhux iġġustifikata, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li jeżiġi l-kondiviżjoni tal-ispejjeż kollha tal-azzjonijiet korrettivi attivati sabiex tiġi riżolta konġestjoni bejn iż-żoni, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż relatati mal-flussi li jikkontribwixxu għall-konġestjoni osservata bejn żewġ żoni ta' sottomissjoni tal-offerti li ma jeċċedux il-livell ta' tolleranza.

80 Jekk il-kondiviżjoni tal-ispejjeż tkun limitata għall-elementi kritiċi tan-network, din issir inċerta, peress li l-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni tal-konġestjonijiet jinqasmu b'mod differenti skont l-element li fuqu tiġi attivata azzjoni korrettiva. Kif tosserva ġustament l-ACER, dan iwassal għal diskriminazzjoni bejn id-diversi elementi tan-network u, għalhekk, bejn il-ĠRT proprjetarji ta' dawn l-elementi, li ma hijiex prevista mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

81 Għaldaqstant, il-flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni li jikkontribwixxu għall-konġestjoni osservata bejn żewġ żoni tal-offerti, deskritti fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li jnaqqsu l-kapaċità ta' skambju bejn żoni fuq l-elementi kritiċi tan-network, ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti, fil-kondiviżjoni tal-ispejjeż, meta dawn il-flussi jgħaddu minn elementi mhux kritiċi ta' network. L-azzjonijiet korrettivi attivati fuq dawn iż-żewġ gruppi ta' elementi huma ottimizzati sabiex jiġu solvuti l-problemi relatati mal-konġestjonijiet.

82 Il-ħames nett, l-azzjonijiet korrettivi attivati fuq elementi mhux kritiċi tan-network jistgħu xi drabi jsolvu l-konġestjonijiet fuq l-elementi kritiċi tan-network, kif tosserva l-ACER, bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali.

83 Għalhekk, meta dawn l-azzjonijiet korrettivi jistgħu jgħinu biex jissolvew tali konġestjonijiet fuq elementi kritiċi tan-network, l-ispejjeż tagħhom għandhom jiġu kondiviżi, f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Min-naħa l-oħra, jekk dawn ma jistgħux jikkontribwixxu, f'mument partikolari, sabiex tiġi solvuta konġestjoni fuq l-elementi kritiċi tan-network, dan ma jimplikax li l-elementi li fuqhom jiġu attivati l-azzjonijiet korrettivi jitilfu r-rabta tagħhom

mal-kummerċ bejn iż-żoni. Fil-fatt, minn naħa, dawn l-azzjonijiet korrettivi madankollu ntgħażlu fil-kuntest tal-proċess CROSA, fid-dawl tal-konġestjonijiet u l-azzjonijiet korrettivi l-oħra, sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni fil-livell reġjonali. Min-naħa l-oħra, din il-konġestjoni, sa fejn hija kkawżata minn fluss transkonfinali, jiġifieri fluss cirkolari, hija ta' rilevanza transkonfinali.

84 Barra minn hekk, kif previst fil-premessa 35 tar-Regolament 2019/943, f'suq miftuħ u kompetittiv, il-ĠRT għandhom ikunu kkumpensati għall-ispejjeż imġarrba b'konsegwenza tal-passaġġ tal-flussi transkonfinali tal-elettriku fuq in-networks tagħhom mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni li minnhom joriġinaw flussi transkonfinali u tas-sistemi fejn jaslu dawn il-flussi.

85 Għalhekk, il-miżuri korrettivi fuq l-elementi kollha tan-network inklużi fil-proċess CROSA huma potenzjalment rilevanti għall-kummerċ bejn iż-żoni, skont l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, u dan indipendentement mill-koeffiċjent ta' influwenza tagħhom, peress li dan huwa kunċett meħud mill-metodoloġiji CCM, li ma jistax jiddetermina l-kondiviżjoni tal-ispejjeż skont l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

86 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-ĠRT jistabbilixxu li element mhux kritiku ta' network b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV qatt ma jista' jkun utli sabiex tiġi żgurata s-sigurtà reġjonali u sabiex jiġi żgurat l-għeluq tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni allokati, huma jistgħu jeskluduh mill-proċess CROSA, skont l-Artikolu 5(1)(b) u l-Artikolu 7(3)(b) tal-metodoloġija ROSC, u, konsegwentement, mill-kondiviżjoni tal-ispejjeż.

87 Is-sitt nett, fir-rigward tal-premessa 12 tar-Regolament 2015/1222, li teżiġi l-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet korrettivi transkonfinali u interni, għandu jiġi enfasizzat li l-azzjonijiet korrettivi kollha fil-kuntest tal-proċess CROSA għandhom impatt transkonfinali, filwaqt li l-azzjonijiet korrettivi l-oħra kollha huma interni. Għalhekk, il-proċess CROSA jiżgura l-koordinazzjoni mal-azzjonijiet korrettivi interni u jiżgura wkoll is-sigurtà tal-elementi tan-network "interni".

88 Fin-nuqqas ta' ġestjoni kkoordinata mill-proċess CROSA, hemm riskju ta' ksur tas-sigurtà operazzjonali, li jipperikola l-kummerċ bejn iż-żoni. Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat li l-funzjonament tan-network huwa kundizzjoni indispensabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, peress li l-elettriku jista' jiġi pprovdut liċ-ċittadini tal-Unjoni biss permezz tan-network, konformement mal-premessa 2 tar-Regolament 2015/1222.

89 Għaldaqstant, il-konġestjonijiet "bejn iż-żoni" huma l-konġestjonijiet kollha li bħalissa huma ġestiti b'mod ikkoordinat fil-qafas tal-proċess CROSA fir-reġjun CORE. Konsegwentement, il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" għandu japplika għall-ispejjeż ta' din il-ġestjoni koordinata.

90 Għandu jiġi enfasizzat li l-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-ispejjeż ma jiddependux fuq il-kwistjoni dwar jekk hemmx skambju jew fluss allokat partikolari fuq element tan-network f'mument partikolari, peress li l-azzjonijiet korrettivi kollha attivati fuq l-elementi kollha tan-network, kritiċi u mhux kritiċi, b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV, potenzjalment jikkontribwixxu sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ bejn iż-żoni, filwaqt li l-kontribut konkret tagħhom għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ jista' jvarja skont, b'mod partikolari, it-topoloġija tan-network, il-kundizzjonijiet tas-suq u l-programmi partikolari ta' produzzjoni u ta' konsum. Għaldaqstant, ma huwiex possibbli li jiġu eskluži mill-ewwel l-elementi tan-network b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV mill-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati.

91 Is-seba' nett, kif jirriżulta mill-punt 167 tad-Deċiżjoni kkontestata, u mingħajr ma dan ġie kkontestat mill-partijiet, l-elementi tan-network b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV tqiesu bħala elementi li għandhom effett transkonfinali sa fejn dawn l-elementi ma kinux strutturalment konġestjonati fin-nuqqas ta' skambju ta' enerġija. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-imsemmi punt, il-ĠRT kollha tar-reġjun CORE qiesu, fin-nota ta' spjega tal-metodoloġija ROSC, li dawn l-elementi kienu l-iktar rilevanti għall-proċess CROSA.

92 F'dan ir-rigward, mill-paġna 8 tan-nota ta' spjega tal-metodoloġija ROSC, li dwarha l-partijiet kellhom l-okkażjoni jesprimu ruħhom waqt is-seduta, jirriżulta li l-ĠRT qiesu li l-elementi tan-network l-iktar rilevanti għall-proċess CROSA kienu l-elementi tan-network b'livell ta' vultaġġ ta' 220 kV u ta' 380 kV, "peress li dawn l-elementi [kienu] jintużaw sabiex jiffaċilitaw l-iskambju tal-enerġija bejn iż-żoni tal-offerti fis-sistema tal-enerġija Ewropea".

93 Fin-nota ta' spjegazzjoni tal-metodoloġija ROSC, il-ĠRT spjegaw li l-elementi tan-network b'livell ta' vultaġġ ogħla minn jew ugwali għal 220 kV jiffaċilitaw l-iskambji tal-enerġija bejn żoni tal-offerti fis-sistema tal-enerġija Ewropea. Madankollu, il-ĠRT ma stabbilixxewx liema elementi għandhom jitqiesu fil-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi.

94 Barra minn hekk, il-livell ta' vultaġġ ta' 220 kV intgħażel fir-reġjun CORE minħabba n-nisġa partikolarment densa tiegħu, filwaqt li l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 ma jipprekludix li jintgħażlu soluzzjonijiet oħra, kif ġie ċċarat waqt is-seduta.

95 Barra minn hekk, il-kondiviżjoni tal-ispejjeż f'dan il-kuntest huwa neċessarju għat-twettiq ta' suq tal-elettriku integrat fil-livell Ewropew.

96 *A fortiori*, il-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati ma huwiex iddefinit ġeografikament u ma jistax ikun limitat biss għall-elementi tan-network li jinsabu fuq il-fruntiera bejn żewġ żoni tal-offerti, jew għall-interkonnetturi li jorbtu n-networks tal-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, kif ġie kkonstatat fil-punt 59 iktar 'il fuq, l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jeżiġi li jiġi identifikat liema konġestjonijiet għandhom jittaffu b'mod ikkoordinat sabiex jiġi żgurat il-kummerċ bejn iż-żoni.

97 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-rikorrenti ssostni b'mod żbaljat li d-Deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, peress li huma biss l-interkonnetturi jew, l-iktar l-iktar, l-elementi kritiċi tan-network li għandhom jiġu inklużi fil-kondiviżjoni tal-ispejjeż.

98 Fir-reġjun CORE, il-konġestjonijiet kollha mtaffa mill-azzjonijiet korrettivi attivati konformement mal-metodoloġija ROSC, kif stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 33/2020 tal-ACER u kkonfermata bid-Deċiżjoni kkontestata, jikkorrispondu għal "konġestjonijiet bejn […] iż-żoni" msemmija fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

99 Għandu jiġi kkonstatat ukoll li, fir-reġjun CORE, l-azzjonijiet korrettivi kollha attivati konformement mal-metodoloġija ROSC, kif stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 33/2020 tal-ACER, jikkontribwixxu sabiex tiġi żgurata s-sodezza tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni, konformement mal-Artikolu 74(4)(b) tar-Regolament 2015/1222.

100 Għaldaqstant, id-Deċiżjoni kkontestata lanqas ma tista' titqies li tmur kontra l-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222, interpretat konformement mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943. Il-Bord tal-Appell għalhekk ġustament ċaħad l-appell ippreżentat kontra l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati.

101 L-argumenti mqajma mir-rikorrenti kontra d-Deċiżjoni kkontestata ma jistgħux jinvalidaw din il-konklużjoni.

102 L-ewwel nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li biss konġestjoni fuq interkonnettur jew, l-iktar l-iktar, fuq element mhux kritiku tan-network hija konġestjoni li l-ispejjeż tagħha jistgħu jitqassmu abbażi tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati, l-unika sitwazzjoni li fiha l-ispejjeż relatati mal-elementi mhux kritiċi tan-network jitqassmu skont din id-dispożizzjoni hija dik fejn il-konġestjoni fuq dawn l-elementi tkun ikkawżata minn flussi ċirkolari, kif deskritti fil-punt 37 iktar 'il fuq, li jeċċedu l-livell ta' tolleranza msemmi fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

103 Skont il-premessa 6 tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati, il-flussi ċirkolari li jeċċedu l-livell ta' tolleranza huma l-fattur prinċipali ta' konġestjonijiet li huwa s-suġġett ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż. Dan jirriżulta mill-konstatazzjoni li l-konġestjonijiet ikkawżati minn flussi interni huma sostnuti mill-proprjetarju tal-element tan-network ikkonġestjonat, filwaqt li, kif jirriżulta mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, l-ispejjeż ikkawżati minn flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni li jikkontribwixxu għall-konġestjoni osservata bejn żewġ żoni ta' sottomissjoni tal-offerti għandhom jinqasmu proporzjonalment bejn ĠRT.

104 Fluss ċirkolari huwa "fluss transkonfinali", fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943, jiġifieri "fluss fiżiku tal-elettriku fuq network ta' trażmissjoni ta' Stat Membru, li jirriżulta mill-impatt tal-attività tal-produtturi, tal-konsumaturi, jew it-tnejn li huma, barra dak l-Istat Membru fuq in-network ta' trażmissjoni tiegħu", li ma huwiex limitat għall-elementi kritiċi tan-network.

105 Għaldaqstant, konġestjoni kkawżata minn fluss transkonfinali, bħal fluss ċirkolari, ma tistax tiġi kklassifikata bħala konġestjoni li hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

106 Barra minn hekk, jekk konġestjoni fuq element mhux kritiku ta' network tkun ikkawżata biss minn flussi interni, l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi intiżi li tiġi ttrattata din il-konġestjoni jiġu sostnuti, fi kwalunkwe każ, mill-proprjetarju tal-imsemmi element tan-network, konformement mal-Artikolu 76(1)(b)(v) tar-Regolament 2017/1485. B'hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jibqa' l-eċċezzjoni għar-regola, peress li dan il-prinċipju japplika biss, *de facto*, għall-flussi ċirkolari li jeċċedu l-livell ta' tolleranza, filwaqt li l-prinċipju ta' "min huwa s-sid iħallas" japplika għal flussi oħra, bħalma huma l-flussi tan-network li ma jeċċedux il-livell ta' tolleranza, u l-flussi interni.

107 Barra minn hekk, konġestjoni li ma tkunx konġestjoni "bejn iż-żoni" fis-sens tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, hija dik li tidher fl-elementi tan-network eskluži mill-koordinazzjoni reġjonali tas-sigurtà operazzjonali, għaliex dan ikun ġie deċiż mill-ĠRT, jew għaliex dawn ikunu elementi eskluži mill-bidu mill-koordinazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi, jiġifieri l-elementi tan-network li għandhom livell ta' vultaġġ inqas minn 220 kV.

108 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li l-unika eċċezzjoni għar-regola tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 li tgħid li l-ispejjeż marbuta mal-azzjonijiet korrettivi relatati mal-flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni li jikkontribwixxu għall-konġestjoni osservata bejn żewġ żoni tal-offerti għandhom ikunu kondiviżi hija dik relatata mal-imsemmija flussi li ma jeċċedux il-livell ta' tolleranza, li għalihom l-ispejjeż għandhom jiġu sostnuti mill-proprjetarju tal-element tan-network ikkonġestjonat.

109 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-leġiżlatur ma riedx jeskludi grupp ta' elementi tan-network mill-kondiviżjoni tal-ispejjeż, peress li huwa ppreveda, fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, il-kondiviżjoni tal-ispejjeż prodotti mis-solliev ikkoordinat tal-konġestjonijiet bejn iż-żoni.

110 Bl-istess mod, il-fatt li l-Artikolu 76(1)(b)(v) tar-Regolament 2017/1485 jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati metodoloġiji oħra intiżi għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż marbuta mad-diversi azzjonijiet korrettivi msemmija fl-Artikolu 22 tal-imsemmi regolament, li jikkompletaw skont il-każ il-metodoloġija komuni żviluppata skont l-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222, ma huwiex rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li huwa, barra minn hekk, regola ta' livell superjuri.

111 It-tielet nett, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, kif ikkonfermat mid-Deċiżjoni kkontestata, imur kontra l-Artikolu 290(1) u fl-Artikolu 291 TFUE jew ma għandux bażi legali, sa fejn l-ACER estendiet il-kamp ta' applikazzjoni previst mil-leġiżlazzjoni.

112 B'mod partikolari, l-azzjonijiet korrettivi kkoordinati fuq l-elementi tan-network b'livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV għandhom jippermettu l-kummerċ bejn iż-żoni, jgħinu sabiex tiġi evitata l-limitazzjoni tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni u jiżguraw is-sodezza tal-imsemmija kapaċità, u dan konformement mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

113 Bl-istess mod u peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata huwa konformi mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, l-ACER ma tistax tiġi kkritikata li wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tagħha lil hinn mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, meta bbażat ruħha fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

114 Bl-istess mod, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq ksur tal-prinċipji dwar id-delega ta' setgħat stabbilita fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7, p. 9).

115 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-ACER hija aġenzija tal-Unjoni, maħluqa mil-leġiżlatur waqt l-adozzjoni tar-Regolament 2019/942. Kif huwa indikat, ġustament, fil-punti 1151 sa 1158 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-setgħat tagħha għall-adozzjoni ta' deċiżjoni bħall-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata huma rregolati mill-imsemmi regolament, b'mod partikolari mill-Artikolu 6 tiegħu, kif ukoll mill-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222 u mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

116 Kif jirriżulta mill-punt 10 iktar 'il fuq, l-ACER iddikjarat ruħha kompetenti li tadotta deċiżjoni minħabba l-fatt li l-ARN tar-reġjun CORE ma kinux waslu għal ftehim dwar il-proposta ta' metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ippreżentata mill-ĠRT, konformement mal-Artikolu 5(3) u mal-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/942 u mal-Artikolu 9(11) tar-Regolament 2015/1222.

117 Is-setgħat li l-ACER kellha sabiex tadotta l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata huma għalhekk iddelineati b'mod preċiż u, konformement mal-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament 2019/942, jistgħu jiġu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti mill-Kummissjoni fir-Regolament 2015/1222 kif ukoll mil-leġiżlatur fir-Regolament 2019/943 (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, C-270/12, EU:C:2014:18, punt 53).

118 Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell ġustament ċaħad l-argumenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

119 Ir-raba' nett, lanqas ma jista' jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti u tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ibbażat fuq l-oriġini leġiżlattiva tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li jgħid li l-leġiżlatur ried jeskludi mill-kondiviżjoni bejn il-ĠRT l-ispejjeż li jirriżultaw mill-azzjonijiet korrettivi mwettqa fuq l-elementi li jinsabu ġewwa ż-żoni meta huwa rrifjuta li jemenda, waqt ir-redazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-formulazzjoni tiegħu billi jissostitwixxi "l-konġestjoni osservata bejn żewġ żoni tal-offerti" bil-"konġestjoni osservata bejn u ġewwa ż-żoni tal-offerti".

120 F'dan ir-rigward, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tistax tibbaża ruħha fuq dokumenti dwar it-trilogu leġiżlattiv sabiex tistabbilixxi r-rieda tal-leġiżlatur waqt l-adozzjoni tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-eventwali rifjut li jiġu inklużi espressament il-konġestjonijiet ġewwa żona ma huwiex determinanti għall-kwistjoni dwar liema huma l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-konġestjonijiet "bejn żewġ żoni".

121 Kif jirriżulta mill-punti 56 sa 59 u 109 iktar 'il fuq, l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 ma jiddefinixxix l-elementi tan-network li fuqhom għandhom jiġu kondiviżi l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi intiżi li jtaffu l-konġestjonijiet bejn iż-żoni, li ma jimplikax li l-leġiżlatur ried jeskludi grupp ta' elementi tan-network mill-kondiviżjoni tal-ispejjeż.

122 Għaldaqstant, hemm lok li jiġu miċħuda l-argumenti tar-rikorrenti li skonthom għandhom jiġu esklużi l-elementi tan-network interni mill-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata abbażi tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 u tal-Artikolu 74 tar-Regolament 2015/1222.

– Fir-rigward tal-inċentivi dderivati mill-inklużjoni tal-elementi tan-network interni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata

123 Għandu jiġi rrilevat li l-inklużjoni tal-elementi kollha tan-network intern, inklużi dawk li għandhom livell ta' vultaġġ ugwali għal jew ogħla minn 220 kV, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija għat-tqassim tal-ispejjeż ikkontestati ma tinvolvix inċentivi li jmorru kontra l-għanijiet tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

124 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jipprevedi l-obbligu għall-ĠRT li jsostnu l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi marbuta mal-flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni li jikkontribwixxu għall-konġestjoni osservata bejn żewġ żoni tal-offerti li ma jeċċedux il-livell ta' tolleranza. Dan jinkoraġġixxi lill-ĠRT jiżviluppaw in-network tagħhom sabiex ikunu jistgħu jilqgħu tali flussi, meta ma jeċċedux il-livell ta' tolleranza, li jikkorrispondi għal-livell ta' fluss ċirkolari mistenni mingħajr konġestjoni strutturali f'żona tal-offerti.

125 Min-naħa l-oħra, il-kuntest ġuridiku rilevanti ma jipprevedix l-obbligu għall-ĠRT li jiżviluppaw in-networks tagħhom sabiex jilqgħu l-flussi ċirkolari 'il fuq mil-livell ta' tolleranza msemmi fil-punt 124 iktar 'il fuq. Fil-fatt, dawn il-flussi huma, min-natura tagħhom, imprevisti u imprevedibbli u l-ĠRT li jilqa' dawn il-flussi ma għandux influwenza fuq dawn tal-aħħar.

126 Għandu jiġi nnotat, fuq dan il-punt, li, kif indikat fil-premessa 27 tar-Regolament 2019/943, it-tnaqqis tar-riperkussjonijiet tal-fluss ċirkolari u tal-konġestjonijiet interni fuq il-kummerċ bejn iż-żoni jinsab fost l-għanijiet prinċipali tal-leġiżlatur Ewropew fl-istabbiliment ta' dan il-qafas regolatorju.

127 Bl-istess mod, mill-paġna 59 tal-analiżi tal-impatt tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Novembru 2016, imwettqa fil-kuntest tat-tfassil tal-pakkett leġiżlattiv "Énergie" (SWD(2016) 410), jirriżulta li l-flussi ċirkolari jistgħu jnaqqsu l-kapaċità ta' skambju bejn żoni u jwasslu għal ridispaċċ barra mis-suq, li jiswa ħafna flus kif ukoll għal distorsjonijiet sinjifikattivi tal-prezzijiet u għal sinjali ta' investiment fiż-żoni tal-viċinanza. Dan iwassal għal telf sinjifikattiv ta' prosperità.

128 Barra minn hekk, l-esklużjoni tal-elementi mhux kritiċi tan-network twassal sabiex il-ĠRT li joħroġ il-flussi ċirkolari ma jkunx inċentivat jinvesti b'mod suffiċjenti fin-network tiegħu, peress li ma jsostnix l-ispiża totali tal-azzjonijiet korrettivi neċessarji sabiex jiġu solvuti l-konġestjonijiet li huwa kkawża. Fil-fatt, huwa biss dan il-ĠRT, li għandu l-għarfien u r-responsabbiltà tan-network tiegħu, li jista' jadotta miżuri oħra neċessarji, bħar-rikonfigurazzjoni taż-żona jew l-investimenti fin-network tiegħu. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 35(5) tar-Regolament 2019/943, kull ĠRT huwa responsabbli għan-network tiegħu u, għaldaqstant, il-problemi interni tiegħu ma għandhomx ikunu r-responsabbiltà tal-ĠRT tal-viċinanza.

129 Barra minn hekk, jekk kull wieħed miż-żewġ ĠRT responsabbli u tal-viċinanza jiġi inċentivat jinvesti fin-network tiegħu stess, sabiex jilqa', jew sabiex inaqqas il-flussi ċirkolari, dan iwassal, fl-assenza ta' koordinazzjoni bejn dawn iż-żewġ ĠRT, għal investiment eċċessiv u għal allokazzjoni ħażina tar-riżorsi, kif ġie invokat b'mod rilevanti mill-ACER fil-punt 261 tar-risposta tagħha.

130 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi osservat li ĠRT ma tistax tiġi eżentata mill-ispejjeż li tikkawża lill-ĠRT l-oħra fuq l-elementi mhux kritiċi tan-networks tagħhom bil-flussi ċirkolari tagħhom li jeċċedu l-livell ta' tolleranza, anki jekk l-azzjonijiet korrettivi fuq dawn l-elementi jikkontribwixxu sabiex jiżguraw il-kummerċ bejn iż-żoni.

131 Barra minn hekk, tali approċċ imur kontra l-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

132 Il-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika jinkludi drittijiet u obbligi, kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati Membri, peress li l-Unjoni hija marbuta b'obbligu ta' solidarjetà fir-rigward tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar marbuta b'obbligu ta' solidarjetà bejniethom u fir-rigward tal-interess komuni tal-Unjoni u tal-politiki mwettqa minnha (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Ġermanja vs Il-Polonja, C-848/19 P, EU:C:2021:598, punt 49).

133 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun kuntrarju għall-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika li l-ĠRT li jemettu flussi ċirkolari li jgħaddu minn żoni oħra ta' sottomissjoni tal-offerti jkunu jistgħu jevadu l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, attivati fl-interess komuni sabiex jottimizzaw il-kapaċità ta' skambju bejn żoni, billi jiżguraw, fl-istess ħin, bl-iktar mod effikaċi possibbli, is-sigurtà tan-network, li jibbenefikaw minnha l-ĠRT kollha kif ukoll, għaldaqstant, il-konsumaturi tal-elettriku.

134 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, dwar il-prijoritizzazzjoni tal-flussi

135 Permezz tar-raba' motiv tagħha, ir-rikorrenti, sostnuta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, issostni li l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata tintroduċi b'mod żbaljat, fl-Artikolu 7(6)(a) tagħha, prijoritizzazzjoni tal-flussi ċirkolari, bħala sors ta' konġestjoni, meta mqabbla mal-flussi interni, li twassal għal penalizzazzjoni ta' dawn il-flussi.

136 Skont ir-rikorrenti, it-teħid inkunsiderazzjoni prijoritarju tal-flussi ċirkolari meta mqabbla mal-flussi interni fid-determinazzjoni tal-kawżi tal-konġestjonijiet jikser il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", joħloq inċentivi ħżiena u huwa inkompatibbli mal-prinċipji ta' ekwità u ta' nondiskriminazzjoni.

137 Fl-ewwel lok, it-teħid inkunsiderazzjoni prijoritarju tal-flussi ċirkolari meta mqabbla mal-flussi interni fil-kondiviżjoni tal-ispejjeż imur kontra l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" stabbilit fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943. Fil-fatt, il-flussi ċirkolari u l-flussi interni jikkontribwixxu fiżikament bl-istess mod u fl-istess mument għall-konġestjoni ta' elementi tan-network. Għalhekk, il-ĠRT taż-żoni tal-offerti li jiġġeneraw il-flussi ċirkolari ul-ĠRT taż-żoni li joħolqu l-flussi interni għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi fi proporzjon mal-kontribuzzjoni rispettiva tagħhom għall-konġestjoni. Il-prijorità mogħtija lill-flussi ċirkolari fuq il-flussi interni tmur kontra dan il-prinċipju.

138 Fit-tieni lok, it-teħid inkunsiderazzjoni prijoritarju tal-flussi ċirkolari meta mqabbla mal-flussi interni joħloq, skont ir-rikorrenti, inċentivi ħżiena, kemm għall-ĠRT tan-networks fil-konġestjoni kif ukoll għal dawk taż-żona tal-offerti li tiġġenera l-flussi ċirkolari.

139 Fit-tielet lok, skont ir-rikorrenti, id-Deċiżjoni kkontestata tikser ukoll il-prinċipju ta' ekwità kif ukoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Il-flussi interni u ċirkolari illeġittimi huma "kundannabbli" sal-istess grad, skont il-kriterji tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-għan imfittex mir-Regolamenti 2019/943 u 2015/1222, li jgħid li kondiviżjoni tal-ispejjeż għandha tiġi stabbilita skont il-kontribuzzjoni għall-konġestjoni.

140 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni l-argumenti tar-rikorrenti.

141 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti, kif sostnuti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

142 Konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, l-allokazzjoni tal-ispejjeż għandha ssir "fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni għall-konġestjoni".

143 Skont l-Artikolu 7(6) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, il-kontribuzzjoni għall-konġestjoni tat-tipi differenti ta' flussi hija ddeterminata kif ġej.

144 Il-"piż żejjed" fuq l-element tan-network ikkonċernat jiġi identifikat. Il-piż żejjed jikkorrispondi, bħala prinċipju, għall-volum tal-flussi li jeċċedi l-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat.

145 Barra minn hekk, tiġi stabbilita ordni ta' prijorità bejn it-tipi differenti ta' flussi. Skont din l-ordni ta' prijorità, il-flussi ċirkolari konġestjonanti li jeċċedu l-livell ta' tolleranza jiġu identifikati, fl-Artikolu 7(6)(a) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, bħala li jikkontribwixxu fl-ewwel linja għall-eventwali piż żejjed, filwaqt li l-flussi interni konġestjonanti jiġu identifikati, fl-Artikolu 7(6)(b) ta' din l-istess metodoloġija, bħala t-tieni kontributur għall-imsemmi piż żejjed. Skont din l-ordni ta' prijorità, isegwu l-flussi taċ-ċirku konġestjonanti li joriġinaw minn reġjuni oħra ta' kalkolu tal-kapaċità, il-flussi ċirkolari konġestjonanti li ma jeċċedux il-livell ta' tolleranza, il-flussi allokati konġestjonanti u l-flussi konġestjonanti trasformaturi.

146 Il-flussi kollha "jikkontribwixxu" għall-piż żejjed biss jekk jeċċedu l-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat.

147 B'hekk, jekk il-flussi interni, flimkien mal-flussi l-oħra li huma ta' grad inferjuri fil-lista ta' prijorità, jeċċedu l-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat u jekk, barra minn hekk, ikun hemm flussi ċirkolari li jeċċedu l-livell ta' tolleranza, il-parti tal-ispejjeż relatati mal-flussi interni u mal-flussi ċirkolari tiġi ddeterminata skont id-daqs ta' dawn il-flussi li jeċċedu l-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat, skont l-ordni ta' prijorità stabbilita fl-Artikolu 7(6) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata.

148 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi ta' spjegazzjoni li għandhom jiġu eżaminati l-ilmenti tar-rikorrenti, li jipprovdu li l-prijoritizzazzjoni tal-flussi ċirkolari meta meta mqabbla mal-flussi interni li jirriżultaw mill-ordni ta' prijorità stabbilit fl-Artikolu 7(6) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata ma hijiex konformi mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li jipprovdi li l-kondiviżjoni tal-ispejjeż għandha ssir "skont il-kontribuzzjoni għall-konġestjoni" u, għaldaqstant, skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

149 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li interpretazzjoni letterali tal-kliem "skont [il-]kontribuzzjoni għall-konġestjoni" hija konċiljabbli kemm mal-approċċ adottat fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata kif ukoll ma' dak difiż mir-rikorrenti. Fil-fatt, dan il-kliem jista' jinftiehem fis-sens li "kontribuzzjoni" għall-konġestjoni teżisti biss mill-mument meta tinqabeż il-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat. Barra minn hekk, hemm lok li jitqies li interpretazzjoni letterali tat-termini "skont [il-]kontribuzzjoni għall-konġestjoni" tippermetti li jiġi previst ordni ta' prijorità bejn it-tipi ta' fluss differenti, sabiex jiġu kondiviżi bejniethom l-ispejjeż skont il-kontribuzzjoni għall-konġestjoni.

150 Min-naħa l-oħra, huwa wkoll possibbli, f'sens strettament kawżali, li l-kliem "skont il-kontribuzzjoni għall-konġestjoni" jinftiehem fis-sens li l-flussi kollha fuq l-element tan-network ikkonċernat "jikkontribwixxu" bl-istess mod għall-konġestjoni eventwali.

151 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk il-prijoritizzazzjoni tal-flussi ċirkolari hijiex iġġustifikata fid-dawl tan-natura differenti tagħhom meta mqabbla mal-flussi interni jew jekk, kif issostni r-rikorrenti, differenzazzjoni u, għaldaqstant, prijoritizzazzjoni hijiex ammissibbli.

152 Skont ir-rikorrenti, minn diversi dispożizzjonijiet jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni jqiegħed il-flussi interni u l-flussi ċirkolari fuq livell ugwali, li jipprojbixxi, taħt piena ta' ksur tal-prinċipji ta' ekwità u ta' nondiskriminazzjoni, li jiġu ttrattati b'mod differenti waqt l-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi.

153 F'dan ir-rigward, huwa minnu li għandu jiġi osservat, kif jirriżulta mill-premessa 27 tar-Regolament 2019/943, li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu l-ħsieb li jevita li l-kapaċità ta' skambju bejn żoni tkun limitata minħabba l-flussi interni u l-flussi ċirkolari u b'hekk stabbilixxa, fl-Artikolu 16(8) ta' dan ir-regolament, livell massimu ta' 30 % tal-kapaċità ta' kull element kritiku tan-network li jista' jintuża, b'mod partikolari, sabiex jiġu ġestiti konġestjonijiet ikkawżati mill-flussi interni u mill-flussi ċirkolari.

154 Madankollu, l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jintroduċi huwa stess, f'dan ir-rigward, distinzjoni bejn il-flussi interni u l-flussi ċirkolari. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprevedi d-determinazzjoni ta' livell ta' tolleranza għall-"flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni għaż-żoni tal-offerti li huma inqas mil-livell mistenni mingħajr konġestjoni strutturali f'żona tal-offerti". Anki jekk dan ma jirriżultax espressament mit-test tal-Artikolu 16(3) tal-imsemmi regolament, dan il-livell ta' tolleranza jidher li għandu jiġi ddeterminat biss għall-flussi ċirkolari, peress li skont it-tieni subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni, dan il-livell huwa ddefinit għal kull fruntiera ta' żona tal-offerti.

155 Barra minn hekk, anki fin-nuqqas ta' konġestjoni strutturali, il-flussi ċirkolari jkunu, sa ċertu punt, inevitabbli f'sistema tal-elettriku interkonnessa (ara l-punt 180 'il quddiem). Huwa għalhekk li d-determinazzjoni ta' livell ta' tolleranza għall-flussi ċirkolari għandha l-għan li teskludi tali flussi mill-kondiviżjoni tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-azzjonijiet korrettivi.

156 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, billi jipprevedi l-istabbiliment ta' livell ta' tolleranza għall-flussi tan-network, jittratta dawn il-flussi b'mod differenti mill-flussi interni.

157 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li jiġu ttrattati b'mod differenti, għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, il-flussi interni u l-flussi ċirkolari li jeċċedu l-livell ta' tolleranza, peress li tali differenzazzjoni tidher iġġustifikata fid-dawl tan-natura differenti tagħhom, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

158 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat ukoll li, skont l-Artikolu 40(1)(a) tad-Direttiva 2019/944, kull ĠRT huwa responsabbli "biex jiżgura l-kapaċità tas-sistema li twieġeb għal talbiet raġonevoli għat-trasmissjoni tal-elettriku, biex topera, iżżomm u tiżviluppa sistemi ta' trasmissjoni siguri, affidabbli u effiċjenti fuq bażi ekonomikament aċċettabbli".

159 Għalhekk, il-ĠRT għandhom ibatu l-ispejjeż tal-iżvilupp u l-manutenzjoni tan-network li jimmaniġġjaw kif ukoll l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, bl-esklużjoni biss tal-azzjonijiet korrettivi li fir-rigward tagħhom tapplika kondiviżjoni tal-ispejjeż.

160 Kif tfakkar fil-punt 133 tad-Deċiżjoni Nru 30/2020, in-networks tal-elettriku, minn perspettiva storika, inħolqu sabiex jippermettu flussi interni u din il-funzjoni għadha, illum il-ġurnata, waħda mir-raġunijiet għal dawn in-networks. Għalhekk, il-flussi interni jikkostitwixxu l-funzjoni bażika ta' network tal-elettriku.

161 Bil-ħolqien tas-suq komuni tal-elettriku, in-networks infetħu, sabiex jippermettu kummerċ transkonfinali tal-elettriku, u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tobbliga lill-ĠRT, billi jirrikorru għan-networks tagħhom, jiżguraw dan il-kummerċ.

162 Għaldaqstant, id-dehra tal-flussi ċirkolari hija, sa ċertu punt, konsegwenza inevitabbli, għalkemm mhux mixtieqa, tal-interkonnessjoni tan-networks tal-elettriku li jaħdmu skont mudell zonal, bħal dak tar-reġjun CORE.

163 Barra minn hekk, kuntrarjament għall-flussi interni u għall-flussi transkonfinali allokati fil-kuntest tal-allokazzjoni tal-kapaċità ta' skambju bejn iż-żoni, ma hemm l-ebda interess li l-flussi ċirkolari jgħaddu min-networks ġirien interkonnessi u jwasslu għal konġestjonijiet.

164 F'dawn iċ-ċirkustanzi, bħala prinċipju u sabiex jiġi evitat ir-riskju li ma jiġix osservat l-obbligu, stabbilit mill-Artikolu 74(6)(c) tar-Regolament 2015/1222, li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż, il-ĠRT ma jistgħux jiġu obbligati jsostnu l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi relatati mal-flussi ċirkolari li jeċċedu l-livell ta' tolleranza li jgħaddu min-networks tagħhom.

165 Peress li l-flussi ċirkolari huma, sa ċertu punt, inevitabbli f'sistema tal-elettriku interkonnessa b'ħafna nisġa, il-livell ta' tolleranza, li għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, għandu jinftiehem bħala l-"limitu ta' sagrifiċċju" sa fejn l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kontribuzzjoni tal-flussi ċirkolari għall-konġestjonijiet għandhom jiġu sostnuti mill-ĠRT responsabbli mill-elementi tan-network ikkonċernati.

166 B'hekk, 'il fuq mil-livell ta' tolleranza, ma teżistix ġustifikazzjoni sabiex il-ĠRT jiġu obbligati jbatu l-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi relatati mal-flussi ċirkolari li jgħaddu min-networks tagħhom.

167 Minn dan jirriżulta li l-prijoritizzazzjoni tal-flussi ċirkolari meta mqabbla mal-flussi interni hija ġġustifikata min-natura differenti tagħhom u, konsegwentement, li l-Bord tal-Appell, fid-Deċiżjoni kkontestata, ma kisirx il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" stabbilit fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 u l-prinċipji ta' ekwità u ta' nondiskriminazzjoni, meta qies li l-prijoritizzazzjoni tal-flussi ċirkolari, fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, ma kinitx illegali.

168 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata billi jiġi invokat il-fatt li l-leġiżlatur iqiegħed fuq livell ugwali l-flussi ċirkolari u l-flussi interni fil-kuntest tal-proċess ta' kalkolu u ta' allokazzjoni tal-kapaċità ta' skambju bejn żoni stabbilit fl-Artikolu 16(8) tar-Regolament 2019/943.

169 Fil-fatt, il-fatt li, mill-perspettiva tal-interess li tiġi żgurata l-kapaċità għall-kummerċ tal-elettriku transkonfinali, kemm il-flussi ċirkolari kif ukoll il-flussi interni jirriskjaw li jillimitaw tali kapaċità, ma jimplikax madankollu li dawn it-tipi ta' flussi għandhom ukoll jiġu ttrattati bl-istess mod fir-rigward tat-tqassim tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi. Il-kalkolu tal-imsemmija kapaċità u t-tqassim tal-ispejjeż tal-imsemmija azzjonijiet huma żewġ kwistjonijiet differenti u ma għandhomx l-istess għan. Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, it-trattament differenti tal-fluss tan-network meta mqabbel mal-flussi interni, waqt il-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, lanqas ma jista' jiġi kkontestat minħabba l-inċentivi foloz li jipproduċi dan it-trattament differenti.

170 Ir-rikorrenti ma tiħux inkunsiderazzjoni, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-flussi interni jikkostitwixxu, kif tfakkar fil-punti 158 sa 160 iktar 'il fuq, il-funzjoni bażika ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku.

171 B'hekk, huwa biss fil-każ fejn dawn il-flussi, flimkien mal-flussi l-oħra li huma ta' grad inferjuri fil-lista ta' prijorità, inklużi l-flussi ċirkolari li ma jeċċedux il-livell ta' tolleranza, jaqbżu l-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat, li huwa ġġustifikat li, permezz tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, GRT responsabbli għall-flussi interni jiġi inċentivat jinvesti fin-network tiegħu.

172 Min-naħa l-oħra, ma teżistix ġustifikazzjoni sabiex ĠRT jiġi inċentivat jinvesti fin-network tiegħu sabiex ikun jista' jilqa' iktar flussi ċirkolari li jeċċedu l-livell ta' tolleranza.

173 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet motiv, dwar il-livell ta' tolleranza

174 Permezz tat-tielet motiv tagħha, ir-rikorrenti, sostnuta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, issostni li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell hija illegali sa fejn l-imsemmi bord ikkonferma d-Deċiżjoni Nru 30/2020 li permezz tagħha l-ACER wettqet determinazzjoni żbaljata tal-livell ta' tolleranza għall-flussi ċirkolari u għalhekk kisret it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

175 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li l-ACER, billi ffissat hija stess livell ta' tolleranza provviżorju għall-flussi tan-network, kisret id-dispożizzjonijiet proċedurali rilevanti. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 huwa, fir-rigward tal-Artikoli 9 u 74 tar-Regolament 2015/1222, kemm il-*lex posterior*, il-*lex superior* u l-*lex specialis*, b'tali mod li l-ACER ma kinitx kompetenti skont l-Artikolu 9 tar-Regolament 2015/1222. Barra minn hekk, l-ACER lanqas ma setgħet tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942, peress li l-ĠRT la wettqu l-analiżi meħtieġa mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 u lanqas ippreżentaw proposta ta' livell ta' tolleranza lill-ARN għall-approvazzjoni, b'tali mod li dawn tal-aħħar ma kienx hemm "riferiment tal-każ" tal-livell ta' tolleranza, fis-sens tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942.

176 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li l-ACER kisret ukoll id-dispożizzjonijiet sostantivi li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943. L-ACER stabbilixxiet il-livell ta' tolleranza mingħajr ma kellha l-analiżi meħtieġa. Barra minn hekk, hija ma ddeterminatux "għal kull konfini" u fil-"livell mistenni mingħajr konġestjoni strutturali", kif meħtieġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

177 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-ACER ma kinitx kompetenti, minħabba allegata "neċessità", sabiex tiddetermina livell ta' tolleranza provviżorja.

178 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni t-talbiet tar-rikorrenti.

179 L-ACER tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti, kif sostnuti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

180 Huwa paċifiku li, anki fin-nuqqas ta' konġestjoni strutturali, il-flussi ċirkolari huma inevitabbli f'network tal-elettriku interkonness li huwa minsuġ ferm u li jaħdem skont mudell żonali.

181 Għal din ir-raġuni, id-determinazzjoni ta' livell ta' tolleranza għall-flussi ċirkolari għandha l-għan li teskludi tali flussi mill-kondiviżjoni tal-ispejjeż sostnuti minħabba ridispaċċ u tpartit.

182 Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza, l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jipprovdi kif ġej:

"Meta jallokaw il-kostijiet ta' azzjonijiet ta' rimedju bejn [il-GRT], l-[ARN] jallokaw il-kostijiet […] għajr għall-kostijiet indotti mill-flussi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet interni taż-żoni tal-offerti li jinsabu taħt il-livell li jista' jkun mistenni mingħajr konġestjoni strutturali f'żona tal-offerti.

Dak il-livell għandu jkun analizzat u definit b'mod konġunt mill-[ĠRT] ta' reġjun f'kapaċità kalkolata [ta' skambju] għal kull konfini taż-żona tal-offerti u, għandu jkun suġġett għall-approvazjoni tal-[ARN] kollha tar-reġjun bil-kapaċità kalkolata."

183 L-ewwel nett, mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jirriżulta li l-livell ta' tolleranza jippreżupponi li l-livell tal-fluss ċirkolari mistenni mingħajr konġestjoni strutturali jiġi simulat.

184 Il-"konġestjoni strutturali" hija ddefinita, fil-punt 6 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/943, bħala "konġestjoni fis-sistema ta' trażmissjoni li hi kapaċi li tiġi definita mingħajr ambigwità, hija prevedibbli, ġeografikament stabbli tul iż-żmien u li terġa' sseħħ ta' spiss skont kundizzjonijiet normali tas-sistema tal-elettriku".

185 It-tieni nett, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jirriżulta li d-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza għandha tiġi ppreċeduta minn analiżi u li din l-analiżi għandha titwettaq mill-ĠRT.

186 It-tielet nett, minn din l-istess dispożizzjoni jirriżulta li l-livell ta' tolleranza għandu jiġi analizzat u ddeterminat "għal kull konfini taż-żona tal-offerti".

187 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-ĠRT ma wettqux l-analiżi meħtieġa.

188 Barra minn hekk, huwa paċifiku li l-ACER lanqas ma wettqet din l-analiżi.

189 F'dan ir-rigward, mill-punt 112 tad-Deċiżjoni Nru 30/2020 jirriżulta li, fl-assenza ta' livell ta' tolleranza analizzat u ddefinit mill-ĠRT u approvat mill-ARN konformement mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, l-ACER eżaminat jekk kinitx f'pożizzjoni li twettaq hija stess din l-analiżi u kkonkludiet li dan ma kienx il-każ, minħabba restrizzjonijiet ta' riżorsi, taż-żmien disponibbli u tal-perizja neċessarja.

190 Barra minn hekk, mill-premessa 8 tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata u mill-punti 110 sa 114 tad-Deċiżjoni Nru 30/2020 jirriżulta li l-ACER, f'tali sitwazzjoni, qieset li kienet awtorizzata tiffissa hija stess, b'mod provviżorju, livell ta' tolleranza.

191 Barra minn hekk, mill-punti 115 sa 122 tad-Deċiżjoni Nru 30/2020 jirriżulta li l-ACER iffissat il-livell ta' tolleranza provviżorja għar-reġjun CORE kollu b'mod uniformi għal 10 % tal-kapaċità massima ta' kull element tan-network ikkonċernat, u sussegwentement ikkondivi dan il-livell b'mod ugwali bejn iż-żoni kollha ta' sottomissjoni tal-offerti li jipproduċu flussi ta' linja fuq l-element tan-network ikkonċernat.

192 Fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell ċaħad, bħala infondata, il-kritika dwar din id-determinazzjoni, mill-ACER, ta' livell ta' tolleranza provviżorja għar-raġunijiet esposti fil-punti 909 sa 1077 (paġni 137 sa 164), 1210 sa 1221 (paġni 187 sa 189) u 1192 sa 1226 (paġni 212 sa 218) tad-Deċiżjoni kkontestata.

193 F'dan ir-rigward, mill-punti 924 sa 946 (paġni 140 sa 144), 1217 sa 1221 (paġni 187 sa 189) u 1199 sa 1226 (paġni 213 sa 218) tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta, b'mod partikolari, li l-ACER qieset li kellha tiffissa hija stess il-livell ta' tolleranza, peress li l-iffissar ta' tali livell kien, fis-sens tagħha, indispensabbli sabiex tkun tista' tiġi adottata l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż.

194 Barra minn hekk, minn dawn l-istess punti tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li d-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza mill-ACER hija bbażata fuq "analiżi rigoruża".

195 Minn dawn il-partijiet tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li l-Bord tal-Appell qies li l-ACER kienet awtorizzata, jew saħansitra obbligata, tiffissa hija stess livell ta' tolleranza provviżorju mingħajr ma jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-analiżi stabbilita fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, sabiex tevita sitwazzjoni ta' impass.

196 F'dan ir-rigward, in-natura provviżorja tal-livell ta' tolleranza hekk stabbilit mill-ACER hija enfasizzata fid-Deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, mill-punt 943 (paġna 143) tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li l-ĠRT għadhom jistgħu, fi kwalunkwe mument, iwettqu l-analiżi meħtieġa u li l-ARN jistgħu jissostitwixxu, fi kwalunkwe mument, il-livell ta' tolleranza provviżorja stabbilit fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestat b'livell ta' tolleranza definittiv.

197 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi eżaminat jekk il-Bord tal-Appell setax, mingħajr ma jwettaq żball ta' liġi, iqis, fid-Deċiżjoni kkontestata, li d-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza mwettqa mill-ACER fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati kienet konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943. Jekk dan ma huwiex il-każ, għandu jiġi eżaminat jekk, kif irrileva l-Bord tal-Appell, l-ACER, fis-sitwazzjoni partikolari tal-każ inkwistjoni, setgħetx madankollu tibbaża ruħha fuq kompetenza impliċita, li tippermettilha tiddetermina livell ta' tolleranza b'mod differenti minn dak stabbilit minn din id-dispożizzjoni.

Fuq l-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943

198 Konformement mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, il-livell ta' tolleranza għandu jiġi analizzat u ddefinit "għal kull konfini taż-żona tal-offerti" u għandu jikkorrispondi għall-"livell li jista' jkun mistenni mingħajr konġestjoni strutturali f'żona tal-offerti".

199 Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk il-metodu sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' tolleranza segwit mill-ACER fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, ikkonfermat mid-Deċiżjoni kkontestata, josservax ir-rekwiżit li dan il-livell għandu jiġi analizzat u ddefinit "għal kull konfini taż-żona tal-offerti".

200 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 7(3) u (4) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata jirriżulta li l-livell ta' tolleranza huwa ddeterminat f'żewġ stadji.

201 Waqt l-ewwel stadju, għandu jiġi applikat livell ta' tolleranza komuni għar-reġjun tal-CORE kollu għal kull element tan-network b'rilevanza transkonfinali. Dan il-livell komuni ta' tolleranza għandu jkun ta' 10 % tal-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat.

202 Waqt it-tieni stadju, il-livell ta' tolleranza komuni huwa maqsum b'mod ugwali, għal kull element tan-network ikkonċernat, min-numru ta' żoni tal-offerti tar-reġjun CORE li minnhom joriġinaw flussi ċirkolari li jgħaddu minn dan l-element tan-network. Fil-każ fejn żona tal-offerti ma tużax kompletament il-parti tal-livell ta' tolleranza attribwita lilha, il-parti mhux użata mbagħad tinqasam b'mod ugwali bejn il-kumplament taż-żoni tal-offerti.

203 Minn dan jirriżulta li l-livell ta' tolleranza ta' kull element tan-network li huwa ta' rilevanza transkonfinali jikkorrispondi għal 10 % tal-kapaċità massima tiegħu, diviż b'mod ugwali bin-numru ta' żoni ta' offerti tar-reġjun CORE li minnhom joriġinaw flussi ċirkolari li jgħaddu minn dan l-element tan-network.

204 Huwa minnu, kif issostni l-ACER, li tali kondiviżjoni twassal għal livell ta' tolleranza individwali għal kull żona tal-offerti u, għaldaqstant, li din id-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza timplika ċerta "individwalizzazzjoni" ta' dan tal-aħħar, sa fejn dan il-livell huwa ddeterminat skont il-kapaċità massima individwali ta' kull element tan-network rilevanti u skont in-numru ta' żoni ta' sottomissjoni tal-offerti li minnhom joriġinaw flussi ċirkolari li jgħaddu minn dawn l-elementi tan-network.

205 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li din l-"individwalizzazzjoni" msemmija fil-punt 204 iktar 'il fuq ma hijiex dik preskritta, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, mill-kliem "għal kull konfini taż-żona tal-offerti".

206 Fil-fatt, kif issostni essenzjalment ir-rikorrenti, mingħajr ma tikkontradixxi lil ACER dwar dan il-punt, il-livell tal-fluss ċirkolari jinbidel skont il-karatteristiċi taż-żoni tal-offerti, bħad-daqs, il-grad ta' nisġa, il-proporzjon tal-injezzjoni ta' elettriku minn enerġiji rinnovabbli u n-numru ta' fruntieri taż-żona tas-sottomissjoni tal-offerti kkonċernata. Għalhekk, il-livell tal-fluss ċirkolari jista' jvarja minn żona ta' depożitu għal oħra, fuq "konfini" fis-sens tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, jew saħansitra fuq l-elementi li għandhom effett fuq il-konġestjonijiet bejn żewġ żoni. Huwa għalhekk li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jeżiġi li l-livell ta' tolleranza jiġi ddeterminat skont il-karatteristiċi taż-żoni tal-offerti inkwistjoni u tad-diversi fruntieri bejniethom.

207 Madankollu, id-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza mwettqa mill-ACER hija bbażata, fl-ewwel stadju, fuq livell ta' tolleranza uniku għaż-żoni kollha tal-offerti fir-reġjun CORE, bil-konsegwenza li bl-ebda mod ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn iż-żoni u tal-fruntieri bejniethom.

208 Barra minn hekk, l-"individwalizzazzjoni" mwettqa waqt it-tieni stadju lanqas ma tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi taż-żoni differenti tal-offerti, iżda tiddependi biss min-numru ta' żoni tal-offerti li minnhom joriġinaw flussi ċirkolari li jgħaddu mill-elementi tan-network rilevanti. L-istess raġunament japplika fil-każ ta' kondiviżjoni sussegwenti, bejn iż-żoni l-oħra tas-sejħiet għal offerti, tal-parti tal-livell ta' tolleranza mhux użata minn żona tal-offerti.

209 Minn dan isegwi li l-livell ta' tolleranza stabbilit mill-ACER ma josservax ir-rekwiżit previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li skontu l-livell ta' tolleranza għandu jiġi ddefinit "għal kull konfini taż-żona tal-offerti".

210 Fit-tieni lok, fir-rigward tar-rekwiżit li l-livell ta' tolleranza għandu jikkorrispondi għal-"livell mistenni mingħajr konġestjoni strutturali", huwa paċifiku li l-analiżi normalment meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' fluss ċirkolari mistenni mingħajr konġestjoni strutturali, stabbilit mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, ma saritx f'dan il-każ.

211 Fl-assenza ta' tali analiżi, il-livell ta' tolleranza stabbilit mill-ACER ma jistax ikun konformi mar-rekwiżit li dan il-livell għandu jikkorrispondi mal-livell ta' fluss ċirkolari mistenni fl-assenza ta' konġestjoni strutturali.

212 F'dan ir-rigward, mill-punti 958 (paġna 145) u 1221 (paġna 189) tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-ACER qieset li l-livell ta' tolleranza li hija stabbilixxiet kien jikkorrispondi għal sitwazzjoni mingħajr konġestjoni strutturali.

213 Fil-fatt, mill-punt 115 tad-Deċiżjoni Nru 30/2020 u mill-punt 215 tar-risposta jirriżulta li l-ACER investigat fi ħdan il-ĠRT il-livell ta' fluss ċirkolari mistenni fl-assenza ta' konġestjoni strutturali. Filwaqt li xi ĠRT irrapportaw valuri li jvarjaw bejn 3 %, 5 % u 10 %, oħrajn ma weġbux jew indikaw limiti ogħla minn 10 %. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u jekk jitqies li r-risposti tal-ĠRT kienu ġew influwenzati mill-interessi tagħhom stess, l-ACER stabbilixxiet il-livell ta' tolleranza għal 10 % tal-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat bħala "medja" tal-opinjonijiet ipprovduti, kif jirriżulta wkoll mill-punt 115 tad-Deċiżjoni Nru 30/2020.

214 Minn dan isegwi li l-iffissar għal 10 % tal-kapaċità massima tal-element tan-network ikkonċernat bħala livell ta' tolleranza komuni għaż-żoni kollha tal-offerti tar-reġjun CORE u bħala l-ewwel stadju fid-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza għal kull element tan-network ikkonċernat ma huwa bbażat fuq ebda analiżi tal-livell ta' tolleranza mingħajr konġestjoni strutturali, kif previst mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, iżda huwa r-riżultat ta' kompromess meta mqabbel mal-opinjonijiet diverġenti pprovduti mill-ĠRT ikkonċernati.

215 Fil-fatt, kif tirrikonoxxi l-ACER fil-punt 930 (paġna 141) tad-Deċiżjoni kkontestata, l-analiżi meħtieġa mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 tippreżupponi, b'mod partikolari, analiżi tal-investimenti fin-network u tar-rikonfigurazzjoni possibbli taż-żoni tal-offerti sabiex jiġu eliminati l-konġestjonijiet strutturali. L-ACER tirrikonoxxi li ma wettqitx tali analiżi.

216 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tal-ACER li d-determinazzjoni tagħha tal-livell ta' tolleranza hija bbażata fuq "analiżi rigoruża" huwa ineffettiv, peress li, fi kwalunkwe każ, din l-analiżi ma kinitx dik preskritta mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

217 Minn dan isegwi li l-livell ta' tolleranza stabbilit mill-ACER ma josservax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li skonthom il-livell ta' tolleranza għandu jikkorrispondi għal-"livell mistenni mingħajr konġestjoni strutturali" u għandu jiġi ddefinit "għal kull konfini taż-żona tal-offerti".

Fuq il-kundizzjonijiet sabiex tiġi rrikonoxxuta kompetenza impliċita

218 Mill-evalwazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza mwettqa mill-ACER fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata ma hijiex konformi mal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

219 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kwistjoni dwar jekk, bħala prinċipju, l-ACER kinitx kompetenti sabiex tiddetermina hija stess livell ta' tolleranza abbażi tal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942, kif jirriżulta mill-punt 924 (paġna 140) tad-Deċiżjoni kkontestata, hija irrilevanti. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tistax, fi kwalunkwe każ, tippermetti lill-ACER tistabbilixxi livell ta' tolleranza mhux konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

220 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, minkejja l-fatt li d-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza mwettqa mill-ACER ma kinitx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, l-ACER kellhiex, fis-sitwazzjoni speċifika li fiha hija kienet tinsab, kompetenza impliċita li tawtorizzaha tiddetermina livell ta' tolleranza b'mod differenti minn dak stabbilit minn din id-dispożizzjoni.

221 Fil-fatt, l-ACER tiġġustifika l-kompetenza tagħha sabiex tiddetermina livell ta' tolleranza bin-neċessità tal-azzjoni tagħha. Fl-assenza tal-analiżi tal-livell ta' tolleranza mistenni mingħajr konġestjoni strutturali li għandha ssir mill-ĠRT, l-ACER kienet awtorizzata, sabiex tevita sitwazzjoni ta' impass, tiffissa hija stess, b'mod provviżorju, livell ta' tolleranza fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestati.

222 Fl-ewwel lok, bħala prinċipju ma jistax jiġi aċċettat, fid-dawl tal-prinċipju ta' legalità, li aġenzija tal-Unjoni, bħall-ACER, tista' tidderoga mill-kuntest ġuridiku applikabbli. Minn dan isegwi li l-ACER ma setgħetx, fil-prinċipju, tidderoga mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

223 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-Artikolu 6(12)(b) tar-Regolament 2019/942, l-ACER tista' "tieħu tipprovdi deċiżjoni interim sabiex tiżgura li […] is-sigurtà operattiva għall-infrastruttura inkwistjoni tiġi protetta". Għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, l-ACER ma bbażatx ruħha fuq din id-dispożizzjoni sabiex tistabbilixxi l-livell ta' tolleranza. Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, l-adozzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ma tistax titqies li hija neċessarja sabiex "tiżgura li s-sigurtà tal-provvista jew is-sigurtà operattiva għall-infrastruttura inkwistjoni tiġi protetta", fis-sens tal-Artikolu 6(12)(b) tar-Regolament 2019/942. Fil-fatt, din il-metodoloġija għandha bħala għan il-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi u ma hijiex intiża li tiddetermina l-azzjonijiet korrettivi li għandhom jiġi implimentati sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista jew is-sigurtà tal-operat.

224 Barra minn hekk, l-eżistenza ta' din id-dispożizzjoni u, għaldaqstant, tal-possibbiltà li jiġu adottati, f'ċirkustanzi ddefiniti b'mod ċar, deċiżjonijiet provviżorji, timmilita kontra r-rikonoxximent, favur l-ACER, ta' kompetenza impliċita sabiex tiffissa, anki b'mod provviżorju, il-livell ta' tolleranza fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż b'mod differenti minn dak stabbilit fl-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

225 Fit-tielet lok, konformement mal-ġurisprudenza, is-sempliċi invokazzjoni tal-interess marbut mal-effikaċja ma hijiex biżżejjed sabiex toħloq kompetenza favur aġenzija tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019, E-Control vs ACER, T-332/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:761, punt 69). Is-sempliċi invokazzjoni tal-interess marbut mal-effikaċja ma tistax, għaldaqstant, tkun suffiċjenti sabiex tippermetti lil aġenzija tal-Unjoni tidderoga mill-qafas ġuridiku applikabbli.

226 Madankollu, ma jistax jiġi esklużż li l-interess marbut mal-effikaċja, sakemm dan jikkorrispondi għal ħtieġa reali sabiex jiġi żgurat l-effett utli tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati jew tar-regolament ikkonċernat, jista' jiġġustifika l-eżistenza ta' setgħa impliċita deċiżjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019, E-Control vs ACER, T-332/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:761, punt 69).

227 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet sabiex tiġi rrikonoxxuta kompetenza impliċita favur l-ACER, skont din il-ġurisprudenza, kinux issodisfatti.

Fuq ir-rikonoxximent ta' kompetenza impliċita favur l-ACER

228 Konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 226 iktar 'il fuq, sabiex jiġi vverifikat jekk l-ACER setgħetx tirrikorri għall-kompetenza impliċita, għandu jiġi eżaminat jekk ir-rikonoxximent ta' tali kompetenza favur din kinitx tikkorrispondi għal bżonn reali sabiex jiġi żgurat l-effett utli tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni.

229 F'dan ir-rigward, mill-punti 924 sa 946 (paġni 140 sa 144) u 1206 sa 1220 (paġni 214 sa 216) tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-ACER allegat li n-neċessità li tiġi adottata metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż fit-terminu stabbilit kienet ġegħlitha tiffissa hija stess il-livell ta' tolleranza, u dan, minkejja l-assenza tal-analiżi normalment meħtieġa.

230 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ħtieġa invokata fir-rigward tal-iskeda, għandu jiġi kkonstatat li huwa minnu li l-ACER kienet, bħala prinċipju, obbligata tadotta metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż fit-terminu previst mill-Artikolu 6(12)(a) tar-Regolament 2019/942 u mill-Artikolu 9(11) tar-Regolament 2015/1222, jiġifieri terminu ta' sitt xhur mis-27 ta' Marzu 2020.

231 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li d-dritt tal-Unjoni ma jorbot ebda sanzjoni mal-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 6(12)(a) tar-Regolament 2019/942 u fl-Artikolu 9(11) tar-Regolament 2015/1222. Għaldaqstant, dan ma huwiex terminu mandatorju, iżda terminu indikattiv.

232 Konformement mal-ġurisprudenza, fil-preżenza ta' tali terminu indikattiv, anki jekk l-organu tal-Unjoni li japplika għalih dan it-terminu għandu jipprova josservah, jista' jkun neċessarju għalih, b'mod partikolari minħabba l-kumplessità tal-kompitu u bla ħsara għall-preġudizzju tal-interessi ta' Stat Membru, li jkollu iktar żmien (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, Spanja vs Il-Kummissjoni, T-54/11, EU:T:2013:10, punt 27).

233 Konsegwentement, il-punt tat-tluq tar-raġunament tal-ACER huwa żbaljat, peress li ma kienx imperattiv għaliha li tadotta metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż fit-terminu stabbilit, jiġifieri qabel it-28 ta' Settembru 2020.

234 Barra minn hekk, huwa paċifiku li l-analiżi "tal-livell mistenni mingħajr konġestjoni strutturali" hija kumplessa u teħtieġ żmien kunsiderevoli.

235 Għalhekk, bħala prinċipju, kien possibbli għall-ACER li tagħti lill-ĠRT biżżejjed żmien sabiex iwettqu l-analiżi meħtieġa mingħajr ma jiġu kkritikati li kisru t-terminu previst fl-Artikolu 6(12)(a) tar-Regolament 2019/942 u fl-Artikolu 9(11) tar-Regolament 2015/1222.

236 Dan huwa iktar u iktar minnu peress li l-obbligu li jiġi ddeterminat livell ta' tolleranza billi ssir l-analiżi prevista mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar 2020.

237 Fil-mument meta l-ĠRT tar-reġjun CORE ssottomettew lill-ARN kollha tal-imsemmi reġjun, għall-approvazzjoni, il-proposta tagħhom ta' metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż, jiġifieri fis-27 ta' Marzu 2019, ir-Regolament 2019/943 kien għadu ma ġiex adottat.

238 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li la d-Deċiżjoni Nru 30/2020 u lanqas id-Deċiżjoni kkontestata ma jesploraw l-konsegwenzi possibbli, fir-rigward tal-aġenda għall-adozzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż, tal-fatt li l-obbligu li jiġi ddeterminat livell ta' tolleranza u, għaldaqstant, li ssir l-analiżi korrispondenti daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar 2020.

239 Għaldaqstant, il-premessa tal-Bord tal-Appell fid-Deċiżjoni kkontestata, li skontha kien neċessarju, għall-ACER, li tadotta mingħajr ma tkun tista' tistenna l-analiżi preskritta mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, minħabba t-terminu mogħti lilha sabiex tagħmel dan, tirriżulta minn qari tal-qafas regolatorju li la jieħu inkunsiderazzjoni n-natura indikattiva tat-terminu li għandu jiġi osservat mill-ACER u lanqas l-emenda tal-kuntest ġuridiku fis-seħħ.

240 Għaldaqstant, is-sempliċi invokazzjoni ta' terminu indikattiv għall-adozzjoni mill-ACER tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ma tistax tkun biżżejjed sabiex jintwera bżonn reali li jiġi żgurat l-effett utli tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni.

241 It-tieni nett, l-ACER iġġustifikat in-neċessità tal-azzjoni tagħha permezz tan-nuqqas ta' azzjoni tal-ĠRT. Fil-fatt, mill-punt 955 (paġna 145) tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-ACER sostniet li l-ĠRT ma kinux f'pożizzjoni, "għal perijodu ta' kważi tliet snin", li jwettqu l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

242 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-obbligu li jiġi ddeterminat il-livell ta' tolleranza billi ssir l-analiżi stabbilita mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar 2020.

243 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-ACER fil-punt 926 (paġna 140) tad-Deċiżjoni kkontestata, il-ĠRT ma qisux obbligatorju, fid-dokument ta' spjegazzjoni tat-22 ta' Frar 2019 li jakkumpanja l-proposta għall-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż tas-27 ta' Marzu 2019, li jiġi ddeterminat livell ta' tolleranza, iżda pjuttost ipperċepixxew dan bħala għażla li tħalliet f'idejhom.

244 Anki jekk jiġi aċċettat li n-neċessità li jiġi stabbilit livell ta' tolleranza ġiet irrikonoxxuta mill-ĠRT qabel l-adozzjoni tar-Regolament 2019/943, xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 jippreċiża l-mod kif il-livell ta' tolleranza kellu jiġi ddeterminat, jiġifieri abbażi ta' analiżi tal-"livell [tal-fluss ċirkolari] mistenni mingħajr konġestjoni strutturali" u "għal kull konfini taż-żona tal-offerti".

245 L-ACER ma ssostnix li kien stabbilit, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2019/943, li l-livell ta' tolleranza kellu jiġi ddeterminat b'dan il-mod.

246 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ACER ma setgħetx leġittimament tikkritika lill-ĠRT li ma kinux f'pożizzjoni, "għal perijodu ta' kważi tliet snin", li jwettqu l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

247 Din il-konklużjoni lanqas ma hija kkontestata mid-dokumenti prodotti mill-ACER waqt is-seduta, sabiex jintwera li l-ĠRT u l-ARN tar-reġjun CORE kienu għadhom jiddiskutu l-mod kif kellha ssir l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

248 Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn id-dokumenti humiex ammissibbli, għandu jiġi kkonstatat li n-negozjati pendenti, invokati mill-ACER, huma irrilevanti f'dan il-każ.

249 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, il-legalità ta' deċiżjoni għandha tiġi evalwata biss fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fil-mument tal-adozzjoni tagħha (ara s-sentenza tas-27 ta' April 2022, Roos *et* vs Il-Parlament, T-710/21, T-722/21 u T-723/21, EU:T:2022:262, punt 211 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, il-provi invokati mill-ACER, li seħħew wara d-Deċiżjoni kkontestata, ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-legalità ta' din id-deċiżjoni.

250 It-tielet nett, l-ACER iġġustifikat in-neċessità tal-azzjoni tagħha bin-nuqqas ta' osservanza mill-ĠRT tat-terminu li hija kienet iffissat għalihom. F'dan ir-rigward, hija tindika li imponiet fuq il-ĠRT terminu ta' erba' xhur, mit-18 ta' April sal-20 ta' Awwissu 2020, sabiex twettaq l-analiżi stabbilita mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 u żżid li dawn ma osservawx dan it-terminu.

251 Kif jirriżulta mill-punti 930 (paġna 141), 954 (paġna 145) u 1131 (paġna 202) tad-Deċiżjoni kkontestata, l-ACER stess kienet tqis li l-analiżi preskritta mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 kienet kumplessa u kienet teħtieġ żmien kunsiderevoli.

252 Barra minn hekk, l-ACER ma stabbilixxietx li, matul it-terminu ta' erba' xhur li hija kienet tat lill-ĠRT, hija ffaċilitat, b'mod jew ieħor, ix-xogħol ta' dawn tal-aħħar bit-twettiq tal-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

253 Konformement mal-Artikolu 6(11) tar-Regolament 2019/942, li jirrifletti l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, l-ACER hija obbligata tikkonsulta l-ARN u l-ĠRT meta hija tipprepara deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 6(10) tal-imsemmi regolament.

254 Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u b'teħid inkunsiderazzjoni tar-rieda ċara tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jrendi iktar effikaċi u iktar mgħaġġel it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfinali diffiċili iżda indispensabbli, (sentenza tas-7 ta' Settembru 2022, BNetzA vs ACER, T-631/19, EU:T:2022:509, punt 46), l-ACER kienet intiża li tiffaċilita l-iżvilupp, mill-ĠRT u mill-ARN, tal-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

255 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ACER ma tistax leġittimament tikkritika lill-ĠRT li ma kinux f'pożizzjoni li jwettqu l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 fit-terminu stabbilit, jiġifieri erba' xhur.

256 Ir-raba' nett, l-ACER reġgħet iġġustifikat il-ħtieġa li tiġi adottata l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata mingħajr ma setgħet tistenna l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 permezz ta' żewġ kunsiderazzjonijiet oħra.

257 Minn naħa, waqt is-seduta, l-ACER sostniet li kien neċessarju li l-ĠRT jingħataw iktar żmien, wara l-adozzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, sabiex huma jkunu jistgħu jieħdu l-mezzi neċessarji sabiex tiġi implimentata.

258 Għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 13(2) tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, moqri flimkien mal-Artikolu 37(2) tal-metodoloġija RDCT, l-ewwel stadju tal-implimentazzjoni tal-ewwel waħda minn dawn il-metodoloġiji kien previst għall-4 ta' Ġunju 2023, filwaqt li l-applikazzjoni kompleta tagħha kienet prevista għall-4 ta' Ġunju 2025.

259 Għalhekk, peress li l-ewwel implimentazzjoni parzjali tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata kellha sseħħ biss sentejn u nofs wara l-adozzjoni tagħha u l-implimentazzjoni kompleta tagħha, erba' snin u nofs wara l-imsemmija adozzjoni, is-sempliċi invokazzjoni tal-ħtieġa għall-ĠRT li jadottaw il-mezzi neċessarji għall-implimentazzjoni tajba ta' din il-metodoloġija ma hijiex biżżejjed sabiex turi, fid-dawl tal-perijodu twil ħafna għall-implimentazzjoni tagħha, bżonn reali li jadottaw din il-metodoloġija mingħajr ma wieħed ikun jista' jistenna l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

260 Min-naħa l-oħra, mill-punt 946 (paġna 144) tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-ACER tqis li l-implimentazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata kellha ssir simultanjament ma' dik tal-metodoloġija RDCT u dik tal-metodoloġija ROSC.

261 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, bl-ebda mod ma hija kwistjoni li jiġi deċiż dwar jekk l-ACER kinitx awtorizzata tipprevedi l-istess dati għall-implimentazzjoni tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, tal-metodoloġija RDCT u tal-metodoloġija ROSC, iżda pjuttost li jiġi ddeterminat jekk l-ACER setgħetx tadotta l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata mingħajr ma tkun tista' tistenna l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

262 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument ibbażat fuq l-allegata neċessità li jiġu implimentati simultanjament il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, il-metodoloġija RDCT u l-metodoloġija ROSC huwa irrilevanti fir-rigward tal-kwistjoni dwar f'liema mument għandha tiġi adottata l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż.

263 Għaldaqstant, l-ACER lanqas ma setgħet tiġġustifika n-neċessità tal-azzjoni tagħha permezz ta' kunsiderazzjonijiet relatati max-xewqa li jingħata biżżejjed żmien lill-ĠRT sabiex ikunu jistgħu jadottaw il-mezzi għall-implimentazzjoni korretta tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata simultanjament ma' żewġ metodoloġiji oħra.

264 Minn dan isegwi li l-ACER ma stabbilixxietx li kien neċessarju li tiġi adottata l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata mingħajr ma setgħet tistenna l-analiżi meħtieġa mill-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

265 Konsegwentement, l-ACER ma wrietx li kien jeżisti bżonn reali li jiġi żgurat l-effett utli tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni li jiġġustifika r-rikonoxximent ta' kompetenza impliċita favur tagħha.

266 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li d-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza mwettqa mill-ACER ma tistax tiżgura l-effett utli tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni.

267 Huwa minnu li din id-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza ppermettiet lill-ACER tadotta l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata fit-30 ta' Novembru 2020, jiġifieri ftit wara t-terminu li kien ingħatalha sabiex twettaq dan, li kien jiskadi fis-27 ta' Settembru 2020. Madankollu, dan ma ppermettiex li jiġi żgurat l-effett utli tad-dispożizzjonijiet sostantivi inkwistjoni.

268 Fil-fatt, il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata għandha, konformement mal-Artikolu 74(6) (a) tar-Regolament 2015/1222, tinkludi inċentivi sabiex isir investiment effikaċi favur il-ġestjoni tal-konġestjonijiet. Barra minn hekk, skont il-premessa 34 tar-Regolament 2019/943, l-imsemmija ġestjoni għandha tippermetti li jiġu pprovduti sinjali ekonomiċi korretti lill-ĠRT u lill-parteċipanti tas-suq.

269 Kif ġie kkonstatat fil-punt 217 iktar 'il fuq, il-livell ta' tolleranza ddeterminat mill-ACER, ikkonfermat mid-Deċiżjoni kkontestata, ma josservax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, li jipprovdu li l-livell ta' tolleranza għandu jikkorrispondi għal-"livell mistenni mingħajr konġestjoni strutturali" u jiġi ddefinit "għal kull konfini taż-żona tal-offerti".

270 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, minħabba din id-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza, ma tistax tipprovdi, permezz tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-azzjonijiet korrettivi, "sinjali ekonomiċi korretti" għall-investimenti fin-networks.

271 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat ukoll li l-ibbilanċjar tal-interess li jiġi osservat it-terminu stabbilit u dak li jiġi osservat l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, apparentement imwettaq mill-ACER, ma jiġġustifikax id-determinazzjoni ta' livell ta' tolleranza mhux konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

272 Fil-fatt, kif ġie enfasizzat fil-punt 231 iktar 'il fuq, it-terminu li kien impost fuq l-ACER sabiex tadotta metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż kien biss indikattiv, b'tali mod li, f'ibbilanċjar tal-interessi, ir-rieda li jiġi osservat dan it-terminu ma tistax tipprevali fuq l-osservanza tar-rekwiżiti tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943.

273 Dan ir-riżultat ma jistax jiġi kkontestat mill-argument tal-ACER li jgħid li hija ddeterminat il-livell ta' tolleranza biss b'mod provviżorju. Fil-fatt, in-natura provviżorja tal-imsemmija determinazzjoni bl-ebda mod ma tippermetti li jittaffa l-ksur, imwettaq mill-ACER u l-Bord tal-Appell, tal-qafas regolamentari rilevanti.

274 Il-fatt li n-natura provviżorja tad-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza teżisti biss *de jure*, ma jippermettix li jitnaqqas in-nuqqas ta' osservanza mill-ACER tal-qafas regolamentari rilevanti.

275 Għaldaqstant, l-ACER ma tistax tiġġustifika l-approċċ tagħha li tagħti preċedenza, fl-ibbilanċjar tal-interessi, lill-interess li jiġi osservat it-terminu mogħti fuq l-interess li jiġu osservati r-rekwiżiti tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 billi tinvoka n-natura provviżorja tal-indħil konsegwenti mal-qafas regolamentari, b'determinazzjoni ta' livell ta' tolleranza li ma huwiex konformi ma' dan il-qafas. Konsegwentement, l-ACER ma setgħetx tibbaża ruħha, għad-determinazzjoni tagħha tal-livell ta' tolleranza, fuq kompetenza impliċita.

276 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li d-determinazzjoni tal-livell ta' tolleranza mill-ACER, fil-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, kif ikkonfermata mid-Deċiżjoni kkontestata, tikser l-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943, sa fejn dan il-livell la jikkorrispondi għall-kriterju li skontu l-livell ta' tolleranza għandu

jikkorrispondi għal-"livell mistenni mingħajr konġestjoni strutturali", u lanqas għall-kriterju li l-livell ta' tolleranza għandu jiġi ddefinit "għal kull konfini taż-żona tal-offerti". Barra minn hekk, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ACER lanqas ma kienet awtorizzata tiddetermina b'mod differenti livell ta' tolleranza, sabiex tosserva t-terminu mogħti lilha għall-adozzjoni tal-metodoloġija għħall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata.

277 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet motiv għandu jintlaqa', mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu eżaminati l-ilmenti l-oħra invokati mir-rikorrenti insostenn tiegħu.

278 Sa fejn it-tielet motiv jikkonċerna element ċentrali tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, li huwa s-suġġett tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali ma tistax tannulla biss parzjalment id-Deċiżjoni kkontestata.

279 Konsegwentement, ir-rikors tar-rikorrenti għandu jintlaqa' abbażi tat-tielet motiv u għandha tiġi annullata d-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tikkonferma d-Deċiżjoni Nru 30/2020 u tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti fil-Każ A-001–2021 (ikkonsolidat).

280 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-ħames u s-sitt motiv imqajma mir-rikorrenti.

Fuq l-eventwali żamma tad-Deċiżjoni kkontestata

281 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 264(2) TFUE, il-Qorti Ġenerali tista', jekk tqis li jkun meħtieġ, tindika dawk l-effetti tal-att annullat li għandhom jitqiesu bħala definittivi.

282 B'risposta għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura deċiżi mill-Qorti Ġenerali, il-partijiet esprimew ruħhom f'dan ir-rigward.

283 F'dan il-każ, l-ACER issostni li l-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata u, konsegwentement, tal-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata ser ikollha konsegwenzi serji. Il-ĠRT għandhom isostnu l-ispejjeż kollha tal-azzjonijiet korrettivi kollha attivati fuq l-elementi tan-network tagħhom, anki jekk dawn l-azzjonijiet kienu meħtieġa minħabba flussi ċirkolari minn żoni oħra tal-offerti. Din is-sitwazzjoni probabbilment ikollha l-effett li l-ĠRT ikunu mħeġġa jillimitaw il-kapaċità ta' interkonnessjoni, li jirriżulta fi spejjeż ikbar tal-elettriku.

284 Fid-dawl ta' motivi relatati maċ-ċertezza legali, l-effetti ta' att annullat jistgħu jinżammu b'mod partikolari meta l-effetti immedjati tal-annullament tiegħu jwasslu għal konsegwenzi negattivi serji għall-persuni kkonċernati u meta l-legalità tal-att ikkontestat ma tkunx ikkontestata minħabba l-għan jew il-kontenut tiegħu, iżda minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tiegħu jew ta' ksur tal-forom proċedurali sostanzjali. (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB (C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 175 u l-ġurisprudenza ċċitata).

285 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li l-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata huwa bbażat, b'mod partikolari, fuq ksur tad-dritt sostantiv, jiġifieri ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(13) tar-Regolament 2019/943 u mhux biss fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.

286 Min-naħa l-oħra, l-argument tal-ACER huwa bbażat fuq l-ipoteżi li l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata hija diġà applikabbli.

287 Mir-risposti tal-partijiet għad-domandi magħmula mill-Qorti Ġenerali jirriżulta li l-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ikkontestata, li hija s-suġġett tad-Deċiżjoni kkontestata, ma hijiex ser tiġi implimentata bis-sħiħ qabel l-4 ta' Ġunju 2025 u li, minħabba dewmien, din l-implimentazzjoni tista' tiġi posposta anki iktar.

288 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġi limitat l-effett tal-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

Fuq l-ispejjeż

289 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

290 Peress li l-ACER tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mir-rikorrenti.

291 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Għalhekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tat-28 ta' Mejju 2021, mogħtija fil-kuntest tal-Każ A-001–2021 (ikkonsolidat), hija annullata, sa fejn tikkonferma d-Deċiżjoni Nru 30/2020 tal-ACER, tat-30 ta' Novembru 2020, dwar il-proposta tal-ġestjonarji tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku tar-reġjun li jinkludi l-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja għall-kalkolu tal-kapaċità msejħa "CORE", dwar il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż tar-ridispaċċ u tat-tpartit, u tiċħad l-appell tar-rikorrenti fl-imsemmi każ.**

2) **L-ACER għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk sostnuti mill-Bundesnetzagentur für Elektrizität, Gas, Telekommunikation, Post und Eisenbahnen (BNetzA).**

3) **Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Schalin Škvařilová-Pelzl Nõmm

Steinfatt Kukovec

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Settembru 2024.

Firem